



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2021
COM(2021) 417 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2020 DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TA' SUSSIDJARJETÀ U TA' PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

RAPPORT ANNWALI 2020
DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORIZZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa t-28 rapport dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, sottomess skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bħal fis-26 u fis-27 rapport, huwa jkopri wkoll ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali, li għandhom rwol ewlieni fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji.

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet tintegra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-istadji kollha tat-tfassil ta' politika tagħha, billi adottat diversi miżuri ġodda, u biex tgħin lill-Parlamenti nazzjonali jwettqu l-kontroll tas-sussidjarjetà tagħhom fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċarat l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità f' bosta sentenzi, li waħda minnhom ikkonfermat il-validità tad-Direttiva dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema.

Minkejja t-tfixkil dovut għall-pandemija, kien hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Parlamenti nazzjonali fl-2020 milli matul is-sena ta' tranżizzjoni istituzzjonali fl-2019. Il-Kummissjoni rċeviet 255 opinjoni mill-Parlamenti nazzjonali, li kwart minnhom kienu dwar ir-rispons għall-pandemija. L-inizjattiva l-aktar ikkummentata mill-Parlamenti nazzjonali kienet il-proposta għal Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-Kummissjoni kompliet tipparteċipa f'laqgħat interparlamentari saħansitra aktar minn qabel, bis-saħħa tal-possibiltajiet offruti mill-vidjokonferenzi, u l-President tal-Kummissjoni pparteċipa fil-Konferenza tal-kumitati tal-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (COSAC) għall-ewwel darba mill-2013.

2. L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORIZZJONALITÀ MILL-ISTITUZZJONIJIET

2.1. Il-Kummissjoni

Regolamentazzjoni Aħjar

L-ewwel programm ta' ħidma tal-Kummissjoni von der Leyen għall-2020 ġie adottat f'Jannar 2020, u ġie aġġustat f'Mejju 2020 biex jittieħed kont tal-pandemija tal-COVID-19¹. Dan tenna l-impenn tal-Kummissjoni għal proposti bbażati fuq l-evidenza li huma mfassla għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tan-negozji, li ma jżidux piżijiet mhux meħtieġa u li jkunu jistgħu jiġu implimentati faċilment.

Matul is-sena, il-Kummissjoni kompliet tapplika l-aġenda tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar" u tintegra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-istadji kollha tat-tfassil ta' politika tagħha. Hija evalwat il-leġiżlazzjoni u l-oqfsa ta' politika eżistenti qabel ma ppreżentat proposti biex tirrivedihom. Dawn l-evalwazzjonijiet inkludew valutazzjonijiet dwar jekk il-miżuri ta'

¹ COM(2020) 37 u COM(2020) 440

politika eżistenti kinux għadhom “adattati għall-iskop tagħhom” u sa liema punt kienu għadhom jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Il-portal tal-web “Semma’ Leħnek”² wera li huwa punt uniku ta’ aċċess utli għaċ-ċittadini u għall-partijiet ikkonċernati biex jipparteċipaw fit-tnejja ta’ politika tal-Kummissjoni. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-fehmiet taċ-ċittadini, tan-negozji u ta’ partijiet ikkonċernati oħra huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kwalità tal-proposti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi li l-kontributori jistgħu jiltaqgħu magħhom fuq il-portal minħabba l-pandemija, il-Kummissjoni espandiet il-konsultazzjonijiet pubbliċi u pprovdiet aktar opportunitajiet ta’ feedback għal inizjattivi li għandhom jitwettqu fl-2020 jew fil-bidu tal-2021, u estendiet, fejn possibbli, il-perjodu ta’ konsultazzjoni b’sa 6 ġimgħat. Hija gēddet ukoll il-portal biex tagħmilha aktar faċli li jiġu identifikati u mfittxija l-inizjattivi. Il-portal issa jidentifika wkoll b’mod aktar ċar il-fehmiet tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu rrapportati b’mod komprensiv fil-valutazzjonijiet u fl-evalwazzjonijiet tal-impatt.

It-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li “Isir inqas b’mod iktar effiċjenti”³ (“it-Task Force”) irrakkomandat, bħala parti mill-programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)⁴, li jsir aktar biex jiġu vvalutati l-effetti prattiċi u reali tal-leġiżlazzjoni, inklużi l-atti delegati u ta’ implimentazzjoni. Huwa rrakkomandat ukoll li jkun hemm aktar rappreżentanti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-grupp ta’ esperti li jappoġġaw din il-ħidma. Dan wassal biex f’Mejju 2020, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-pjattaforma “Fit for Future”, grupp ta’ esperti ta’ livell għoli biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar iż-żamma tal-leġiżlazzjoni eżistenti adatta għall-iskop tagħha, il-minimizzazzjoni tal-piżijiet u l-iżgurar li l-leġiżlazzjoni tibqa’ valida fil-futur. Dan jibbenefika minn preżenza akbar ta’ awtoritajiet lokali u reġjonali permezz tal-parteċipazzjoni ta’ tliet rappreżentanti tal-Kumitat tar-Regġuni u tan-network tiegħu ta’ ċentri reġjonali għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, RegHub⁵. Il-programm ta’ ħidma annwali tal-grupp se jidentifika l-leġiżlazzjoni li għandha tiġi vvalutata, filwaqt li titqies ukoll il-lista stabbilita mit-Task Force⁶. Se jindirizza wkoll id-densità leġiżlattiva.

Il-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar u s-“sett ta’ għodod”⁷ jeħtieġu li l-Kummissjoni twettaq analiżi tas-sussidjarjetà meta tivvaluta r-rilevanza kontinwata u l-valur miżjud Ewropew tal-miżuri eżistenti u meta tqis inizjattivi ġodda. Il-Kummissjoni tanalizza l-inizjattivi kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi għas-sussidjarjetà u għall-proporzjonalità. Il-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità kollha jenħtieġ li jinkludu analiżi bħal din.

Valutazzjonijiet tal-impatt

² https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt

³ Dwar il-ħidma tat-Task Force u s-segwitu għal din il-ħidma, ara https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt.pdf kif ukoll it-Taqsimit 2.1 tar-Rapporti Annwali 2018 u 2019: https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/adopting-eu-law/relations-national-parliaments/annual-reports-application-principles-subsidiarity-and-proportionality-and-relations-national-parliaments_mt

⁴ Dwar il-pjattaforma REFIT, ara t-Taqsima 2.1 tar-Rapport Annwali 2019.

⁵ Dwar RegHub, ara t-Taqsima 2.4 hawn taħt.

⁶ Ara l-Anness VI tar-rapport tat-Task Force dwar: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt.pdf

⁷ https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox_mt

Il-Kummissjoni dejjem se tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet tagħha tal-impatt tal-proposti ta' politika tagħha. Skont is-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, jenħtieġ li jitħejja pjan direzzjonali jew valutazzjoni tal-impatt tal-bidu għal proposti leġislattivi, inkluż proposti għal atti delegati u ta' implimentazzjoni identifikati bħala inizjattivi "politikament sensitivi/importanti". Valutazzjoni tal-impatt tappoġġa lil dawn l-atti biss meta l-impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali mistennija tal-azzjoni tal-UE aktarx ikunu sinifikanti u l-Kummissjoni jkollha marġni ta' diskrezzjoni bil-kontenut tal-att. Jekk ma ssirx valutazzjoni tal-impatt, il-memorandum ta' spjegazzjoni u, fejn applikabbli, id-dokumenti ta' ħidma tal-persunal analitiku li jakkumpanja l-proposta jkopru s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju⁸ jwettaq kontroll tal-kwalità indipendenti fuq il-valutazzjonijiet kollha tal-impatt. Fl-2020, dan ħareġ 41 opinjoni dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt.

Waħda minn dawn l-opinjonijiet kienet tikkonċerna l-valutazzjoni tal-impatt tal-proposta għal Direttiva dwar il-paga minima adegwata fl-UE⁹. Il-Bord talab prova aħjar tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-proposta.

Fl-opinjoni inizjali tiegħu, il-Bord iddikjara li l-valutazzjoni tal-impatt ma kinitx ċara biżżejjed dwar kif l-analiżi tal-problema tivvaluta l-inadegwatezza tal-pagi minimi madwar l-Istati Membri u ma ssostanzjatx b'mod suffiċjenti kif l-inizjattiva leġislattiva tikkonforma mal-bażi ġuridiku magħżul u mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Il-valutazzjoni tal-impatt imbagħad ġiet riveduta biex tindirizza aħjar dawn l-aspetti. Din tispjega li l-azzjoni fil-livell tal-UE se tkun aktar effettiva fit-tisħiħ tas-sistemi ta' stabbiliment tal-pagi minimi milli azzjoni fil-livell nazzjonali. Din l-azzjoni se tgħin biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq uniku billi jiġu indirizzati differenzi kbar fil-kopertura u fl-adegwatezza tal-pagi minimi li ma humiex iġġustifikati mill-kundizzjonijiet ekonomiċi sottostanti, objettiv li azzjoni mhux ikkoordinata mill-Istati Membri ma tistax tikseb b'mod suffiċjenti.

Dwar il-proporzjonalità, il-valutazzjoni tal-impatt tispjega li l-proposta tirrispetta tradizzjonijiet nazzjonali stabbiliti sew għall-istabbiliment tal-pagi minimi, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri u tas-sħab soċjali biex jiddeterminaw il-livell tal-pagi minimi tagħhom, u tħalli kemm jista' jkun spazju għad-deċizzjonijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni ppreżentat "grilja ta' sussidjarjetà"¹⁰ lill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt riveduta.

Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità

⁸ https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt

⁹ COM(2020) 682 final. Fl-2020, il-Kummissjoni rċeviet żewġ opinjonijiet motivati u opinjonijiet addizzjonali ta' djalogu politiku mill-Parlamenti nazzjonali dwar din il-proposta, segwiti minn opinjonijiet oħrajn fl-2021. Dwar l-opinjonijiet motivati u t-tweġibiet tal-Kummissjoni, ara t-Taqsima 3 hawn taħt.

¹⁰ Din il-"grilja ta' sussidjarjetà" inbniet fuq sett dettaljat ta' mistoqsijiet taħt tliet intestaturi: (1) L-Unjoni tista' taġixxi? X'inhil l-bażi ġuridika u l-kompetenza tal-azzjoni intenzjonata tal-Unjoni? (2) Il-Prinċipju tas-Sussidjarjetà: Għaliex jenħtieġ li l-UE taġixxi? (3) Proporzjonalità: Kif jenħtieġ li taġixxi l-UE. Il-grilja għalhekk tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti".

Fl-2020, il-Kummissjoni ffinalizzat 33 evalwazzjoni, inkluż kontroll tal-idoneità wieħed, u l-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju eżamina 13-il evalwazzjoni ewlenija, inkluż żewġ kontrolli tal-idoneità. Dawn il-valutazzjonijiet koprew ħafna aspetti, li xi wħud minnhom kienu partikolarment rilevanti f'termini ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Pereżempju, l-evalwazzjoni¹¹ tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali¹², l-istrument ewlieni tal-UE għall-kontroll u l-mitigazzjoni tal-impatti ambjentali u fuq is-saħħa tal-bniedem tal-emissjonijiet industrijali tal-UE, enfasizzat il-benefiċċji sinifikanti li jirriżultaw minn azzjoni fil-livell tal-UE meta mqabbla ma' azzjoni fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali biss. Pereżempju, l-azzjoni tal-UE żgurata approċċ aktar konsistenti fl-adozzjoni ta' standards ta' emissjonijiet industrijali ambjentalment effettivi b'varjazzjoni relattivament limitata minn Stat Membru għal ieħor.

Il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà¹³

Il-Kummissjoni implimentat l-impenn li għamlet b'rispons għar-rakkomandazzjoni tat-Task Force li jenħtieġ li teskludi l-perjodu ta' bejn l-20 ta' Diċembru u l-10 ta' Jannar meta tiddetermina l-perjodu ta' tmien ġimgħat biex il-Parlamenti nazzjonali jibagħtu opinjonijiet motivati. Din għamlet dan għall-ewwel darba matul il-perjodu ta' btala tal-Milied/tas-Sena l-Ġdida fl-2019-2020, u għal darba oħra matul l-istess perjodu fl-2020-2021. Fir-rigward tal-impenn tagħha li tipproduċi tweġibiet aggregati għall-opinjonijiet motivati maħruġa mill-Parlamenti nazzjonali li jirrappreżentaw seba' voti jew aktar fil-mekkaniżmu ta' skrutinju tas-sussidjarjetà, l-ebda waħda mill-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni ma rriżultat fl-għadd ta' opinjonijiet motivati meħtieġa biex jintlaħaq dak il-limitu¹⁴.

F'ittra lill-Parlamenti nazzjonali fit-8 ta' April 2020, il-Viċi President Šeřčoviċ irrikonoxxa li, minħabba l-kriżi tal-COVID-19, kien diffiċli għalihom li jivverifikaw il-konformità tal-proposti leġiżlattivi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fi żmien it-tmien ġimgħat stabbilit fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati. Huwa impenja ruħu li jiffaċilita dan b'żewġ modi.

- Anke jekk l-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali li jesprimu tħassib dwar is-sussidjarjetà fir-rigward ta' proposti leġiżlattivi (opinjonijiet motivati) ikunu waslu wara l-iskadenza, il-Kummissjoni tieħu kont tagħhom billi ġġibhom għall-attenzjoni tal-Membru rilevanti tal-Kummissjoni u billi tipprovdi tweġiba pubblika sostanzjali. Tliet Parlamenti nazzjonali ħadu vantaġġ minn dan, kollha kemm huma dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima¹⁵.
- Il-Kummissjoni tinforma wkoll lill-Parlamenti nazzjonali minnufih meta tadotta proposta leġiżlattiva bl-għan li ttaffi l-impatti tal-kriżi tal-COVID-19, li l-adozzjoni tagħha mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill jista' jkollha sseħħ f'inqas minn tmien ġimgħat, f'konformità mal-proċedura ta' urġenza stipulata fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 tat-Trattati. Hija bagħtet twissijiet bħal dawn lill-Parlamenti nazzjonali f'seba' okkażjonijiet fl-2020.

2.2. Il-Parlament Ewropew

¹¹ SWD(2020) 181 final, 23.9.2020.

¹² Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

¹³ L-opinjonijiet motivati mibgħuta mill-Parlamenti nazzjonali fl-2021 huma eżaminati fit-Taqsima 3 hawn taħt.

¹⁴ Ara t-Taqsima 3 hawn taħt.

¹⁵ Ara t-Taqsima 3 hawn taħt.

Fl-2020, il-Parlament Ewropew irċieva formalment 134 sottomissjoni mingħand Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità¹⁶. Minn dawn l-134, 13 kienu opinjonijiet motivati¹⁷ u 121 kienu kontributi (sottomissjonijiet li ma qajmux tħassib dwar is-sussidjarjetà). Bi tqabbil, l-2019 kien ra 62 sottomissjoni li l-ebda waħda minnhom ma kienet opinjoni motivata¹⁸.

Skont l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) għandu r-responsabbiltà sħiħa biex jiżgura l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull sitt xhur huwa jaħtar wieħed mill-membri bħala relatur permanenti għas-sussidjarjetà fuq bażi ta' rotazzjoni fost il-gruppi politiċi. Gilles Lebreton (Grupp Identità u Demokrazija) kien ir-relatur permanenti fl-ewwel nofs tal-2020, segwit minn Karen Melchior (Renew Europe) fit-tieni nofs tas-sena. L-opinjonijiet motivati riċevuti u kkonfermati bħala tali mill-Kumitat huma inklużi għall-informazzjoni fl-aġenda għal-laqgħa li jmiss tiegħu.

Il-Kumitat JURI jfassal ukoll regolarment rapport dwar ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Ir-rapport li jmiss, li għalih inħatar Mislav Kolakušić (Mhux affiljat) bħala relatur, se jkopri l-2017, l-2018 u l-2019¹⁹. Il-Kumitat JURI jikkontribwixxi wkoll għar-rapporti biannwali mill-COSAC²⁰ dwar kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew kompli jassisti lill-Parlament Ewropew fl-inkorporazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fil-ħidma tiegħu:

- billi wettaq skrutinju sistematiku tal-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u ġibed l-attenzjoni għal kull tħassib espress, b'mod partikolari mill-Parlamenti nazzjonali u mill-Kumitat tar-Reġjuni;
- billi żgura li l-ħidma tal-Parlament Ewropew stess taderixxi bis-sħiħ ma' dawn il-prinċipji, pereżempju billi wettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-emendi sostanzjali tiegħu stess jew billi analizza l-valur miżjud tal-proposti tal-Parlament Ewropew għal leġislazzjoni ġdida, abbażi tal-Artikolu 225 tat-TFUE, u l-konsegwenzi tal-ebda azzjoni tal-UE;
- billi skrutinizza l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità meta abbozza l-valutazzjonijiet tal-impatt, b'fokus fuq il-valur miżjud tal-UE.

Fl-2020, huwa pproduċa 5 evalwazzjonijiet inizjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, valutazzjoni tal-impatt waħda, 13-il valutazzjoni *ex post* tal-implimentazzjoni Ewropej, 3 dokumenti "L-implimentazzjoni fl-azzjoni", 2 evalwazzjonijiet *ex post* oħra, 2 listi

¹⁶ Għall-proċedura tal-Parlament Ewropew biex jindirizza l-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali, ara l-punt 2.3 tar-Rapport Annwali 2016 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità.

¹⁷ Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (li rreġistraw disa' opinjonijiet motivati matul l-istess perjodu) jgħoddu l-opinjonijiet motivati b'mod differenti. Opinjoni motivata li tikkonċerna aktar minn proposta waħda tal-Kummissjoni tingħadd mill-Kummissjoni bħala opinjoni motivata waħda biss għal finijiet ta' statistika, filwaqt li biex jiġi ddeterminat jekk ikunx intlaħaq il-limitu għal karta safra/oranġjo għal proposta tal-Kummissjoni, din l-opinjoni motivata tgħodd bħala opinjoni motivata waħda għal kull waħda mill-proposti koperti. B'kuntrast għal dan, il-Parlament Ewropew jgħodd opinjonijiet motivati daqs kemm ikun hemm proposti kkonċernati.

¹⁸ Is-sottomissjonijiet kollha mill-Parlamenti nazzjonali huma disponibbli fuq Connect, il-bażi tad-*data* tal-Parlament Ewropew ta' dokumenti parlamentari nazzjonali: <http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/connect/welcome.html>

¹⁹ "L-idoneità regolatorja tal-Unjoni Ewropea u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità - rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-snin 2017, 2018 u 2019" (2020/2262(INI)).

²⁰ Dwar il-COSAC, ara t-Taqsima 5 hawn taħt.

ta' kontroll kontinwi, 2 rapporti dwar l-ispiża ta' non-Ewropa, 9 valutazzjonijiet tal-valur miżjud tal-UE, 5 dokumenti dwar il-valur miżjud ta' politiki eżistenti tal-UE, analiżi waħda tal-valur miżjud Ewropew u 6 evalwazzjonijiet ta' implimentazzjoni. Huwa nieda sensiela ġdida ta' publikazzjonijiet dwar il-Parlamenti nazzjonali u l-affarijiet Ewropej, biex jipprovdi stampa ġenerali ta' kif il-Parlamenti nazzjonali huma strutturati u kif jipproċessaw, iwettqu skrutinju u jinvolvu lilhom infushom mal-leġislazzjoni tal-UE, u ppubblika l-ewwel żewġ dokumenti informattivi ta' din is-sensiela²¹.

2.3. Il-Kunsill

Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Frar 2020 dwar “Regolamentazzjoni Aħjar - Niżguraw il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv”²², il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (“il-Kunsill”) “jissottolinja li, sabiex tiżdied l-effiċjenza, il-miżuri li jinsabu fi proposti ġodda jenħtieġ li dejjem jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza f' għajnejn il-liġi, *kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u taċ-ċertezza legali*, u b' mod speċjali għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), inkluż il--mikrointrapriżi”.

Dwar il-prinċipju tal-*proporzjonalità*, huwa enfasizza wkoll “l-importanza tal-SMEs, inkluż il-mikrointrapriżi, bħala xprun ewlieni tal-innovazzjoni, it-transizzjoni ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni, l-impjegi, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-koeżjoni soċjali fis-soċjetajiet tagħna”. Huwa żied jgħid li “l-interessi u l-ħtiġijiet tal-SMEs, inkluż dawk tal-mikrointrapriżi, jenħtieġ li jiġu identifikati aħjar fil-fażijiet kollha tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-leġislazzjoni tkun ċara u prevedibbli bi spejjeż minimi, u proporzjonata fir-rigward tad-daqs tal-intrapriżi”.

Fit-16 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar “Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u klawżoli ta' esperimentazzjoni bħala għodod għal qafas regolatorju reżiljenti, favorevoli għall-innovazzjoni u reżistenti għall-futur li jegħleb l-isfidi ta' tfixkil fl-era diġitali”²³, filwaqt li enfasizza li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità dejjem jenħtieġ li jiġu rrispettati u mrawma, kif ukoll il-prinċipju ta' prekawżjoni, u b' referenza għall-konklużjonijiet preċedenti tiegħu ta' Mejju 2016²⁴ dwar dawn il-prinċipji.

Minbarra l-obbligi tiegħu skont it-Trattat, il-Kunsill iżomm ukoll lill-Istati Membri infurmati dwar l-opinjoni tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni. Fl-2020, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill iddistribwixxa lid-delegazzjonijiet 99 opinjoni maħruġa fil-kuntest tad-djalogu politiku. Huwa rċieva 9 opinjonijiet motivati skont il-Protokoll Nru 2²⁵.

2.4. Il-Kumitat tar-Reġjuni

²¹ <https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/researchbypolicyarea.html>

²² Id-dokument tal-Kunsill ST 6232/20, il-punti 2 u 12. <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6232-2020-INIT/mt/pdf>

²³ Id-dokument tal-Kunsill ST 13026/20, il-punti 3 u 12. <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13026-2020-INIT/mt/pdf> u <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/11/16/regulatory-sandboxes-and-experimentation-clauses-as-tools-for-better-regulation-council-adopts-conclusions/>

²⁴ Id-dokument tal-Kunsill ST 9580/16. <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9580-2016-INIT/mt/pdf>

²⁵ Il-Kunsill jgħodd l-opinjoni motivati bl-istess mod bħall-Kummissjoni, filwaqt li l-Parlament Ewropew juża mod differenti. Ara n-nota 17 f'qiegħ il-paġna għal spjegazzjoni sħiħa.

Fit-8 ta' Mejju 2020, il-Kumitat tar-Reġjuni ("il-Kumitat") ħareġ dikjarazzjoni dwar ir-rispons għall-kriżi tal-COVID-19²⁶, li tappella għal aktar appoġġ għall-awtoritajiet reġjonali u lokali u għal rieżami kollaborattiv tal-kompetenzi tas-saħħa f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Huwa enfasizza li anke matul il-pandemija tal-COVID-19, il-miżuri ta' emerġenza kellhom ikunu proporzjonati, limitati fiż-żmien u soġġetti għal kontroll demokratiku, kif ukoll jirrispettaw il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-governanza f'diversi livelli.

Fit-2 ta' Lulju 2020, il-Kumitat iddefinixxa l-prijoritajiet tiegħu għall-2020-2025 fir-risoluzzjoni "Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħha"²⁷, filwaqt li esprima d-determinazzjoni tiegħu biex "ikompli jtejjeb il-kwalità tal-leġislazzjoni tal-UE u jantiċipa aħjar l-impatt territorjali tagħha u jippromovi l-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva"²⁸. Huwa enfasizza wkoll li "l-pandemija qed turi l-importanza li jiġi applikat kif imiss il-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva, kif ukoll ir-rwol essenzjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali minn naħa, u l-ħtieġa għal koordinazzjoni u appoġġ fil-livell Ewropew min-naħa l-oħra". B'ħarsa 'l quddiem lejn l-2021, huwa ħabbar li kien se jiskrutinizza inizjattivi ġodda ta' politika tal-UE biex jiżgura li dawn jinkorporaw dimensjoni territorjali u jissodisfaw ir-rekwiżit tal-valur miżjud tal-UE, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti" u l-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar.

Fit-12 ta' Ottubru 2020, il-Kumitat ippubblika l-ewwel edizzjoni tiegħu tal-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE²⁹, li jiffoka l-aktar fuq l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. Ir-rapport juri li l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-UE kienu fuq quddiem nett fl-indirizzar tal-kriżi tas-saħħa u għandhom ukoll rwol ewlieni fis-suċċess tal-irkupru ekonomiku. Fis-sejbiet ewlenin tiegħu, huwa jappella għal involviment akbar tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-governanza tal-pjanijiet ta' rkupru tal-UE u dawk nazzjonali, u jirakkomanda li s-Semestru Ewropew – bħala l-mekkaniżmu ta' governanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – jinkorpora kodiċi ta' kondotta għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, f'konformità mas-sussidjarjetà attiva. Ir-rapport jappella wkoll biex ir-reġjuni u l-bliet ikunu involuti mill-qrib fit-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà tagħhom mal-istrateġiji ta' rkupru reġjonali u lokali. Fl-aħħar nett, bħala applikazzjoni Prattika tal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva, huwa jissuġġerixxi li l-Kumitat u l-Kummissjoni jorganizzaw Forum annwali għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jaċċertaw li l-pjan ta' rkupru jaħdem għall-bliet u r-reġjuni.

Fit-2 ta' Lulju 2020, il-Kumitat adotta riżoluzzjoni dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021³⁰. Huwa ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiffoka fuq il-kooperazzjoni sabiex tippromwovi l-kunċett ta' "sussidjarjetà attiva", inkluż permezz tan-network tal-Kumitat ta'

²⁶ [Dikjarazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala atturi tar-rispons Ewropew għall-kriżi tal-COVID-19.](#)

²⁷ [Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-prijoritajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-2020–2025 — Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħha](#)

²⁸ Dwar "sussidjarjetà attiva", ara l-paġni 7-9 tar-rapport tat-Task Force: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt.pdf; dwar it-Task Force, ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna.

²⁹ [Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE \(europa.eu\)](#)

³⁰ ĠU C 324, 1.10.2020, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1610962068519&uri=CELEX%3A52020XR2622>

ċentri reġjonali għar-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, RegHub³¹, u billi tappoġġa lill-Kumitat fl-iżvilupp tal-proġett RegHub 2.0 biex jipprovdi feedback ibbażat fuq l-esperjenza tal-utenti tal-implimentazzjoni ta' politika lokali u reġjonali tal-UE. F'Ottubru 2020, il-Kumitat approva l-kontinwazzjoni ta' dan il-proġett u laqa' membri ġodda fin-network³². Il-pjattaforma l-ġdida Fit for Future tal-Kummissjoni³³ tinkorpora direttament lil RegHub fl-istruttura tagħha bħala network ta' esperti, filwaqt li l-Kumitat innifsu huwa rrappreżentat minn tlieta mill-membri tiegħu fil-grupp ta' governanza tal-pjattaforma. Dan jespandi b'mod sinifikanti r-rwol tal-Kumitat u jiżgura aħjar li l-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva jiġi applikat tul iċ-ċiklu leġislattiv kollu³⁴.

Il-Kumitat ivvaluta l-konformità mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità fit-tmien proposti leġislattivi li dwarhom ħareġ opinjonijiet fl-2020³⁵. Dawn l-opinjonijiet kienu jinkludu valutazzjoni diretta tal-konformità mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità, jew rakkomandazzjonijiet konkreti biex tittejjeb il-konformità.

Fl-2020, il-Kumitat implimenta l-programm ta' ħidma tiegħu dwar is-sussidjarjetà bħala strument prattiku annwali għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Il-Grupp ta' Tmexxija dwar is-Sussidjarjetà, presedut mill-eks President tal-Kumitat Karl-Heinz Lambertz, identifika ħames inizjattivi ta' prijorità għall-programm ta' ħidma tal-2020 dwar is-sussidjarjetà: servizzi diġitali, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-ħarsien tal-ambjent tagħna, Ewropa soċjali u patt ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

Il-Kumitat adotta rizzoluzzjoni dwar “Il-Patt Ekoloġiku bi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali”³⁶, li tħeġġeġ “Il-kisba ta' rizzultati tanġibbli fuq il-post permezz ta' governanza f'diversi livelli u sussidjarjetà attiva”. Huwa adotta opinjoni³⁷ dwar il-proposta għal Regolament biex jiġi stabbilit il-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)³⁸, filwaqt li enfasizza l-importanza li jintlaħaq l-oġġettivi li “l-miżuri kollha tal-UE jaderixxu mal-prinċipju ta' “tagħmilx ħsara” u, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiv, jirrispettaw bis-sħiħ il-livelli kollha ta' gvern bħala msieħba fil-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u mhux bħala partijiet interessati”. Huwa adotta wkoll opinjoni dwar il-Patt Klimatiku Ewropew³⁹, fejn qiesu bħala opportunità tajba ħafna biex jiġi implimentat il-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva, billi l-oġġettivi tiegħu huma sinkronizzati ħafna mal-għanijiet ewlenin tal-approċċ ta' sussidjarjetà attiva: l-iżvilupp ta' mod inklużiv u kostruttiv ta' ħidma li jirrealizza bis-sħiħ il-potenzjal tal-qafas demokratiku u ta' governanza b'diversi livelli tal-UE.

³¹ In-Network ta' Ċentri Reġjonali għar-Reviżjoni tal-Implimentazzjoni tal-Politika tal-UE (RegHub) oriġina mir-rapport finali u mir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li “Isir inqas b'mod iktar effiċjenti” (ir-rakkomandazzjoni 8).

³² Lista tas-46 membru fuq <https://cor.europa.eu/en/engage/Documents/RegHub/new-reghub-2-0-members.pdf>

³³ Dwar din il-pjattaforma, ara wkoll it-Taqsima 2.1 hawn fuq.

³⁴ https://cor.europa.eu/en/engage/Documents/RegHub/RegHub_evaluation_report.pdf

³⁵ Ir-Regola 55.2 tar-Regoli ta' Proċedura, ĠU L 65, 5.3.2014, p. 41, <https://cor.europa.eu/en/members/Documents/CoR-Rules-of-Procedure-EN.pdf#search=Rules%20of%20Procedure>

³⁶ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52019XR4351> (ĠU C 79, 10.3.2020).

³⁷ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020AR1361&from=EN> (ĠU C 324, 1.10.2020).

³⁸ COM(2020) 80 final.

³⁹ <https://cor.europa.eu/EN/our-work/Pages/OpinionTimeline.aspx?opid=CDR-1360-2020>

Fl-2020, 18-il kontribut dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ġew sottomessi lil REGPEX, is-sottonetwork tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà⁴⁰ miftuħ għall-Parlamenti u għall-gvernijiet tar-reġjuni b' setgħat leġislattivi, biex jappoġġa l-parteċipazzjoni tagħhom fil-fażi bikrija tal-proċess leġislattiv (analiżi tas-sussidjarjetà). Id-dettalji ta' dawn il-kontributi u r-rabtiet mal-proposti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw huma disponibbli fuq is-sit web ta' REGPEX⁴¹.

2.5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Fl-2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti) ma kellhiex għalfejn tesprimi ruħha dwar allegat ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà⁴².

F'bosta kawżi li fihom il-prinċipju tal-**proporzjonalità** ġie invokat biex jisfida l-leġislazzjoni tal-UE, il-Qorti fakkret li l-leġislatura tal-UE jrid ikollha diskrezzjoni wiesgħa f'oqsma li fihom l-azzjoni tagħha tinvolvi għażliet politiċi, ekonomiċi u soċjali u li fihom hija tkun mistennija twettaq valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi. Il-legalità ta' miżura adottata f'dawk l-oqsma tista' tiġi affettwata biss jekk il-miżura tkun manifestament mhux xierqa b'rabta mal-objettiv fil-mira⁴³.

Għalhekk, il-Qorti kkonfermat il-validità tad-Direttiva 2018/957 li temenda d-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Haddiema⁴⁴ fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità meta rrifjutat l-azzjonijiet għal annullament imressqa minn żewġ Stati Membri⁴⁵. Hija fakkret li l-prinċipju tal-proporzjonalità jeħtieġ li l-miżuri li jinsabu fil-leġislazzjoni tal-UE jkunu xierqa biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi tagħha, u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dawn jintlaħqu⁴⁶.

B'referenza għad-diskrezzjoni li l-leġislatura tal-UE jrid ikollha meta tirregola l-istazzjonar ta' ħaddiema għall-forniment ta' servizzi, il-Qorti qieset li l-kriterju li għandu jiġi applikat ma huwiex jekk miżura adottata f'tali qasam tkunx l-unika miżura jew l-aħjar miżura possibbli, billi

⁴⁰ <http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/thesmn/Pages/default.aspx> Imniedi f'April 2007, in-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà ġie stabbilit biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-livell tal-Unjoni rigward diversi dokumenti u politiki leġislattivi u politiċi mill-Kummissjoni. In-network iservi bħala punt ta' aċċess li jippermetti lis-sħab kollha tiegħu mhux biss biex jiksbu informazzjoni, iżda wkoll biex jesprimu l-fehmiet tagħhom. Fi tmiem l-2020 kellu 150 membru, filwaqt li REGPEX kellu 76 membru.

⁴¹ <http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx>

⁴² Il-Qorti rrifjutat dan l-argument f'termini ġenerali fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru 2020 fil-Kawża C-644/18, *Il-Kummissjoni vs l-Italja*, EU:C:2020:895, il-paragrafu 153.

⁴³ Eż. is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2020 fil-Kawża C-732/18 P, *Rosneft Oil Company u Oħrajn vs il-Kunsill*, EU:C:2020:727, il-paragrafu 91.

⁴⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16). Fl-2016, il-Parlamenti nazzjonali kienu baġtu 14-il opinjoni motivata dwar il-proposta tal-Kummissjoni, li wasslu għall-proċedura tal-“karta safra” (ara r-Rapport Annwali 2016 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità).

⁴⁵ Is-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2020 fil-Kawża C-620/18, *L-Ungerija vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*, EU:C:2020:1000, u C-626/18, *Ir-Repubblika tal-Polonja vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*, EU:C:2020:1001.

⁴⁶ Is-sentenza fil-Kawża C-620/18, il-paragrafu 137; Is-sentenza fil-Kawża C-626/18, il-paragrafu 94.

l-legalità tal-miżura tista' tiġi affettwata biss jekk tkun manifestament mhux xierqa b'rabta mal-objettiv fil-mira⁴⁷.

Il-Qorti qieset li d-diskrezzjoni wiesgħa tal-leġislatura tal-UE tapplika mhux biss għan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura kkontestata, iżda wkoll, sa ċertu punt, għas-sejba tal-fatti bażiċi. Madankollu, anke fejn ikollha diskrezzjoni wiesgħa, il-leġislatura tal-UE trid tibbaża l-għażla tagħha fuq kriterji oġġettivi u teżamina jekk l-għanijiet fil-mira tal-miżura magħżula jkunux tali li jiġġustifikaw saħansitra konsegwenzi ekonomiċi negattivi sostanzjali għal ċerti operaturi.

L-abbozzi ta' atti leġiżlattivi jridu jieħdu kont tal-ħtieġa li kwalunkwe piż li jaqa' fuq l-operaturi ekonomiċi jiġi minimizzat u li dan ikun proporzjonat mal-objettiv li għandu jintlaħaq⁴⁸. Il-Qorti qieset li ż-żewġ Stati Membri li kkontestaw il-legalità tagħha naqsu milli juru li l-emendi li saru mid-Direttiva (UE) 2018/597 marru lil hinn minn dak li kien meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tagħha, jiġifieri li tiġi żgurata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fuq bażi ġusta u li tiġi offruta protezzjoni akbar lill-ħaddiema.

Il-Qorti ma ħaditx biss kont tal-isfond legali li fuqu ġiet adottata d-direttiva kkontestata. Hija indikat ukoll li l-leġiżlatura tal-UE ma kienet għamlet l-ebda żball manifest, billi kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-fatturi u ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għas-sitwazzjoni li d-Direttiva kienet maħsuba li tirregola⁴⁹.

3. L-APPLIKAZZJONI TAL-MEKKANIŻMU TA' KONTROLL TAS-SUSSIDJARJETÀ MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Il-Kummissjoni rċeviet **disa' opinjonijiet motivati** mill-Parlamenti nazzjonali fl-2020⁵⁰. Dan huwa aktar milli fl-2019 meta, għall-ewwel darba minn meta ġie introdott il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, ma ġiet riċevuta l-ebda opinjoni motivata. Iżda dan huwa wkoll inqas minn fi snin preċedenti, kemm f'għadd assolut⁵¹ kif ukoll fi proporzjon mal-għadd globali ta' opinjonijiet mibgħuta mill-Parlamenti nazzjonali⁵² jew mal-għadd globali ta' opinjonijiet dwar proposti tal-Kummissjoni soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà⁵³ (ara wkoll iċ-ċart "Tipi ta' opinjonijiet" fit-Taqsima 4).

Mid-disa' opinjonijiet motivati riċevuti fl-2020, tlieta, mill-*Bundesrat* Awstrijak, mis-*Sénat* Franċiż u mill-*Eerste Kamer* Olandiż, kienu jikkonċernaw il-proposta għal Regolament li

⁴⁷ Is-sentenza fil-Kawża C-620/18, il-paragrafu 112; Is-sentenza fil-Kawża C-626/18, il-paragrafu 95.

⁴⁸ Is-sentenza fil-Kawża C-620/18, il-paragrafi 114-115; Is-sentenza fil-Kawża C-626/18, il-paragrafi 97-98.

⁴⁹ Is-sentenza fil-Kawża C-620/18, il-paragrafi 137-151; Is-sentenza fil-Kawża C-626/18, il-paragrafi 124-139.

⁵⁰ Din iċ-ċifra tirreferi għall-għadd totali ta' opinjonijiet riċevuti mill-kmamar parlamentari skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati. Opinjoni motivata li tikkonċerna aktar minn proposta waħda tal-Kummissjoni tingħadd bħala opinjoni motivata għall-finijiet statistiċi, filwaqt li biex jiġi ddeterminat jekk ikunx intlaħaq il-limitu għal karta safra/oranġjo għal proposta tal-Kummissjoni, din l-opinjoni motivata tgħodd bħala opinjoni motivata waħda għal kull waħda mill-proposti koperti. B'kuntrast għal dan, il-Parlament Ewropew jgħodd daqstant opinjonijiet motivati daqs proposti kkonċernati, u b'hekk jirriżulta l-għadd akbar ta' opinjonijiet motivati (13) għall-2020 imsemmija fit-Taqsima 2.2. Ara l-Anness I għal-lista ta' dokumenti tal-Kummissjoni li dwarhom il-Kummissjoni rċeviet opinjonijiet motivati.

⁵¹ 2018: 37 opinjoni motivata; 2017: 52 opinjoni motivata; 2016: 65 opinjoni motivata.

⁵² 2020: 3,5 % (9/255); 2018: 6,5 % (37/569); 2017: 9 % (52/576); 2016: 10,5 % (65/620).

⁵³ 2020: 9,1 % (9/99); 2018: 10,5 % (37/351); 2017: 16 % (52/325); 2016: 17,6 % (65/370).

jistabbilixxi l-qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika (**il-Liġi Ewropea dwar il-Klima**) adottata mill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2020⁵⁴.

Din il-proposta kellha l-għan li (i) tonqox fil-leġiżlazzjoni l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 stipulat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, (ii) tistabbilixxi direzzjoni politika fit-tul, (iii) tipprovdi prevedibbiltà għall-investituri u (iv) tiżgura t-trasparenza u l-akkontabbiltà. Hija inkludiet miżuri biex jinżamm kont tal-progress u biex l-azzjonijiet jiġu aġġustati kif meħtieġ, u indirizzat il-perkors lejn il-mira għall-2050, inkluża mira intermedja għall-2030 li għandha tiġi stabbilita abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt.

Il-Kummissjoni rċeviet disa' opinjonijiet minn seba' kmamar⁵⁵ dwar din il-proposta inizjali, inkluż it-tliet opinjonijiet motivati, u mbagħad tliet opinjonijiet minn tliet kmamar oħra⁵⁶ dwar il-proposta emendata⁵⁷ ppreżentata f' Settembru biex il-mira klimatika tal-UE għall-2030 tiġi stabbilita għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Kamra oħra⁵⁸ wiegħbet għall-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni minn Marzu sa Ġunju dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-miri tal-2030.

It-tliet kmamar kollha li ssottomettew opinjonijiet motivati rrifjutaw l-użu propost ta' atti delegati biex tiġi stipulata t-trajettorja bejn il-mira għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050. Barra minn hekk, l-*Eerste Kamer* kien tal-fehma li l-użu tal-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-proċedura leġislattiva ordinarja) minflok tal-Artikolu 192(2) (uninamità) ma kienx proporzjonat mal-importanza u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.

Il-biċċa l-kbira mill-opinjonijiet mibgħuta fi ħdan id-djalogu politiku, filwaqt li ġeneralment kienu jappoġġaw l-oġettivi tal-proposta, kkondividew it-tħassib espress fl-opinjonijiet motivati dwar l-użu ta' atti delegati biex tiġi stabbilita t-trajettorja tal-2030-2050. Xi kmamar talbu wkoll li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-taħlita enerġetika u l-potenzjal ta' aġġustament speċifiċi ta' kull Stat Membru⁵⁹, jew li l-mod u t-twaqqit biex jintlaħqu l-oġettivi għall-2050 jitħallew f'idejn l-Istati Membri⁶⁰. Oħrajn ħeġġew li l-perkors biex jintlaħqu l-miri jiġi bbażat fuq l-użu ta' enerġija rinnovabbli aktar milli fuq l-enerġija nukleari⁶¹, jew li tiġi stabbilita mira intermedja oħra għall-2040⁶². Talba oħra⁶³ kienet li l-appoġġ finanzjarju mill-UE jitfassal apposta għall-kapaċità finanzjarja ta' kull Stat Membru.

⁵⁴ COM(2020) 80 final. Dawn l-opinjonijiet ġew riċevuti formalment wara l-iskadenza ta' tmien ġimgħat stipulata fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati, fil-15 ta' Mejju (*Bundesrat* u *Sénat*) u fis-26 ta' Mejju (*Eerste Kamer*). L-iskadenza kienet skadiet fil-5 ta' Mejju, iżda l-Kummissjoni xorta waħda indirizzathom bħala "opinjonijiet motivati" minħabba d-diffikultajiet prattiċi li l-Parlamenti nazzjonali ffaċċjaw minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Dwar l-impenn tal-Kummissjoni rigward l-iskadenza, ara wkoll it-Taqsima 2.1, is-sottotaqsima "Mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà" hawn fuq.

⁵⁵ Mill-*Bundesrat* Awstrijak (opinjoni motivata waħda u opinjoni waħda), mill-*Eerste Kamer* Olandiż (opinjoni motivata waħda u opinjoni waħda), mis-*Sénat* Franċiż, mis-*Senat* Pollakk, mis-*Senát* Ċek, mis-*Senat* Rumun u min-*Národná rada* Slovakk.

⁵⁶ Mill-Cortes Generales Spanjoli, mill-Assemblée nationale Franċiża u mill-Assembleia da República Portugiża.

⁵⁷ COM(2020) 563 final.

⁵⁸ Il-*Folketing* Daniż. Din appoġġat mira għall-2030 ta' tnaqqis ta' "mill-inqas 55 %", il-livell magħżul fil-proposta emendata.

⁵⁹ Is-*Senat* Pollakk.

⁶⁰ In-*Národná rada* Slovakk.

⁶¹ Il-*Bundesrat* Awstrijak.

⁶² L-Assemblée nationale Franċiża.

⁶³ Mis-*Senat* Rumun.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li se tuża t-trajettorja bħala għodda biex tivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika u biex tivvaluta l-effettività tal-politiki eżistenti. Il-punti tal-bidu u tat-tmiem għal din it-trajettorja, kif ukoll il-kriterji li għandhom jitqiesu meta tiġi stabbilita, kellhom jiġu stabbiliti mill-koleġiżlaturi, sabiex id-delega ma tkun tinkludi l-ebda “element essenzjali” skont it-tifsira tal-Artikolu 290 TFUE. Il-Kummissjoni indikat ukoll li l-Artikolu 192(1) TFUE kien il-bażi ġuridika korretta fid-dawl tal-objettivi tal-proposta. Hija fakkret li għall-proċedura leġiżlattiva, il-bażi ġuridika tal-Artikolu 192(2) hija eċċezzjoni għall-każ ġenerali tal-Artikolu 192(1) u għalhekk jenħtieġ li tiġi interpretata b’mod ristrett f’konformità mal-każistika tal-Qorti.

Il-Kummissjoni ċċarat ukoll li l-iżvilupp ta’ settur tal-enerġija fil-biċċa l-kbira bbażat fuq sorsi rinnovabbli kien parti importanti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, iżda li l-proposta, billi ma tistabbilixxix perkors speċifiku biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika, tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-Istati Membri għad-determinazzjoni tat-taħlita enerġetika tagħhom stess. Huwa enfasizza l-appoġġ qawwi li l-miri klimatiċi tal-UE jirċievu permezz tal-baġit futur tal-UE fit-tul, imsaħħaħ temporanjament mill-istrument ta’ rkupru l-ġdid, “NextGenerationEU”. Huwa enfasizza wkoll li l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta kieku jipprovdi appoġġ immirat għar-reġjuni u s-setturi l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika, sabiex it-tranżizzjoni tkun tista’ sseħħ b’mod ġust u inklużiv, u b’hekk ħadd ma jitħalla barra.

Żewġ opinjonijiet motivati oħra, mill-*Folketing* Daniż u mir-*Riksdag* Żvediż kienu jikkonċernaw il-proposta għal Direttiva dwar **pagi minimi** adegwati fl-Unjoni Ewropea, adottata fit-28 ta’ Ottubru 2020 mill-Kummissjoni⁶⁴. Kemm il-*Folketing* kif ukoll ir-*Riksdag* qiesu li l-proposta marret lil hinn mill-kompetenzi tal-UE f’dan il-qasam u li kien aħjar li l-miżuri ta’ formazzjoni tal-pagi jiġu regolati fil-livell nazzjonali. Fil-fehma tagħhom, l-objettiv tal-proposta, li jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom aċċess għall-pagi minimi li jippermettulhom li jkollhom standard ta’ għajxien raġonevoli kull fejn jaħdmu fl-UE, jista’ jinkiseb b’mod suffiċjenti fil-livell nazzjonali. Il-*Folketing* qies li l-proposta ma kinitx tirrispetta l-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali, filwaqt li nkisbu riżultati aħjar f’termini ta’ pagi oġhla jew ta’ inqas ħaddiema b’paga baxxa fejn l-awtoritajiet nazzjonali ma humiex involuti fid-determinazzjoni tal-kriterji għal ftehimiet ta’ negozjar kollettiv u fl-infurzar tagħhom. Ir-*Riksdag* kien tal-fehma li ma kienx hemm dimensjoni transfruntiera ċara, billi l-kundizzjonijiet u s-sistemi tal-formazzjoni tal-pagi kienu jvarjaw b’mod konsiderevoli minn pajjiż għal ieħor u li l-azzjoni tal-UE f’dan il-qasam ma kellha l-ebda valur miżjud.

Is-*Senát* Ċek ma bagħatx opinjoni motivata, iżda kkondivida t-tħassib tal-*Folketing* u tar-*Riksdag* dwar il-kompetenzi tal-UE u qajjem dubju dwar il-proporzjonalità tal-proposta, fejn qies li rakkomandazzjoni tal-Kunsill tkun aktar xierqa minn direttiva.

Il-Kummissjoni wiegħbet li l-proposta kellha l-għan li tippromwovi n-negozjar kollettiv tal-pagi fl-Istati Membri kollha, mingħajr ma tqajjem dubju dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi u t-tradizzjonijiet nazzjonali. Hija rrispettat bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, mingħajr ma fittxet li tarmonizza l-livell tal-pagi minimi madwar l-UE jew li tistabbilixxi mekkaniżmu uniformi għall-istabbiliment tal-pagi minimi fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, hija rrispettat il-limitazzjonijiet stipulati fil-bażi ġuridika tagħha, l-Artikolu 153

⁶⁴ COM (2020) 682 final. Il-Kummissjoni rċeviet it-tielet opinjoni motivata dwar din il-proposta f’Jannar 2021, mill-*Kamra tad-Deputati* Maltija. Fl-2020 tqajjem ukoll tħassib dwar is-sussidjarjetà minn żewġ Parlamenti reġjonali, mill-Bavarja (il-Ġermanja) u mill-Awstrija ta’ Fuq (l-Awstrija). Għal informazzjoni addizzjonali dwar il-valutazzjoni tal-impatt ta’ din il-proposta, ara t-Taqsima 2.1 hawn fuq.

TFUE. Il-Kummissjoni spjegat ukoll li Direttiva kienet aktar effettiva minn rakkomandazzjoni, billi tat ċertezza dwar in-natura vinkolanti tar-rekwiżiti li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri filwaqt li ħalliet lok għalihom biex jiddeċiedu dwar il-forom u l-metodi ta' implimentazzjoni, inkluż li s-sħab soċjali jiġu fdati b'din l-implimentazzjoni fuq talba konġunta tagħhom.

L-erba' opinjonijiet motivati l-oħrajn kienu jikkonċernaw il-proposta emendata għal Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, adottata fit-28 ta' Mejju 2020 mill-Kummissjoni, (opinjonijiet motivati mibgħuta mir-*Riksdag Żvediż*), il-proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, adottata fl-14 ta' Jannar 2020 mill-Kummissjoni (opinjonijiet motivati mibgħuta mill-*Poslanecká sněmovna Ċek*), il-proposta emendata għal riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, adottata fit-22 ta' Settembru 2020 mill-Kummissjoni (opinjonijiet motivati mibgħuta mill-*Kamra tad-Deputati Maltija*) u l-Patt ġdid tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil, adottat fit-23 ta' Settembru 2020 mill-Kummissjoni (opinjonijiet motivati mibgħuta mill-*Országgyűlés Ungeriż*).

Dwar ir-riżorsi proprji⁶⁵, ir-*Riksdag* qies li, filwaqt li l-miżuri ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 jenħtieġ li jkunu temporanji, immirati sew u proporzjonali, il-proposta tal-Kummissjoni kienet tinvolvi self sinifikanti fis-swieq biex jiżdiedu l-programmi tal-UE mingħajr ma kien ċar jekk dawn il-fondi kinux se jintużaw primarjament biex jittaffa l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19. Għalhekk għar-*Riksdag*, il-miżuri kienu estensivi wisq biex jintlaħqu l-oġettivi tal-proposta, u l-Kummissjoni kienet naqset milli tiġġustifika b'mod ċar għaliex dan is-self jenħtieġ li jsir fil-livell tal-UE minflok f'dak nazzjonali.

Il-Kummissjoni wiegħbet li l-pjan ta' rkupru "NextGenerationEU" kien strument ta' emerġenza ta' darba stabbilit temporanjament u użat esklużivament għal miżuri ta' rispons u rkupru minn kriżijiet. Barra minn hekk, minħabba n-natura tal-kriżi, huwa xieraq li jintuża l-Artikolu 122 TFUE li jipprevedi l-possibbiltà ta' miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika u li jiġu deċiżi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri. L-oġettivi fil-mira tal-pjan ta' rkupru tal-Kummissjoni ma setgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment, minħabba fl-iskala tal-miżuri meħtieġa. Il-Kummissjoni żiedet tgħid li parti kbira mill-appoġġ straordinarju kellu jingħata permezz ta' għotjiet lill-Istati Membri, billi s-self waħdu ma jippermettix lill-pajjiżi b'dejn kbir jimplimentaw ir-riformi u jagħmlu l-investimenti assolutament meħtieġa biex jiżguraw irkupru rapidu madwar l-UE u ekonomija aktar reżiljenti.

Rigward il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta⁶⁶, il-*Poslanecká sněmovna* qies li l-ħtieġa li l-Istati Membri jħejju pjanijiet territorjali dettaljati għal transformazzjoni ġusta fejn jagħtu dettalji dwar l-appoġġ ippjanat għal kumpaniji kbar kien mikroġestjoni u jinterferixxi mal-kompetenzi tagħhom fil-ġestjoni kondiviża. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għall-ġustifikazzjoni tal-investimenti, bħall-"preservazzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi" jew "tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra", ma ġewx iddefiniti b'mod ċar.

Il-Kummissjoni wiegħbet li r-rekwiżit li l-Istati Membri jagħtu dettalji tal-pjanijiet li jippermettulha tivverifika l-issodisfar tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-eliġibbiltà għall-appoġġ ma kienx ġdid, billi kien karatteristika ta' oqfsa ta' programmazzjoni preċedenti, u

⁶⁵ COM (2020) 445 final. Għal ħarsa ġenerali lejn il-pjan ta' rkupru "NextGenerationEU" u l-opinjonijiet b'reazzjoni għalih, ara t-Taqsima 4 hawn taħt.

⁶⁶ COM (2020) 22 final.

tabilħaqq jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jappoġġaw investimenti produttivi f'negozji għajr intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jekk l-investimenti proposti jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari l-ħolqien tal-impjiegi. L-issodisfar tar-rekwiżiti biex jitnaqqsu sostanzjalment l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiġi ppreservat għadd sinifikanti ta' impjiegi kellu jiġi vvalutat ukoll każ b'każ, minħabba l-għadd kbir ta' parametri referenzjarji applikabbli fis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u l-ħtieġa li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika tas-suq tax-xogħol reġjonali u l-importanza relattiva tal-industrija kkonċernata.

Rigward l-**Ajru Uniku Ewropew**⁶⁷, il-*Kamra tad-Deputati* ma qablitx mal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA). Filwaqt li osservat li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru fl-Ajruport ta' Malta kienu kkontrollati kompletament mill-gvern, hija qieset li bidliet strutturali bħal li l-EASA, fir-rwol ta' korp ta' rieżami tal-prestazzjoni, titħalla timponi miżuri korrettivi bħad-delegazzjoni ta' dawn is-servizzi lil fornitur ieħor, ikunu jmorru kontra l-politiki nazzjonali ta' sigurtà u ta' difiża⁶⁸. Fil-fehma tagħha jenħtieġ li jintgħażlu strumenti inqas intrużivi li jirrispettaw il-karatteristiċi territorjali speċifiċi ta' kull Stat Membru biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew.

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li t-traffiku tal-ajru Ewropew jiffunzjona bħala network. B'riżultat ta' dan, l-oġettivi tal-Ajru Uniku Ewropew jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' azzjoni tal-UE, li tirregola l-pożizzjoni, l-imġiba u l-kooperazzjoni ta' varjetà ta' partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri kollha, inklużi l-utenti tal-ispace tal-ajru Ewropew, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, u l-ajruporti. Hija ċċarat li l-forniment esklużiv ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru mad-deżinjazzjoni minn xi Stat Membru diġà jinkludi, skont l-iskema ta' prestazzjoni attwali, regolamentazzjoni tal-prestazzjoni ekonomika, tas-sikurezza u ambjentali tal-fornituri ddeżinjati. Għal dan, korp konsultattiv jappoġġa lill-Kummissjoni, u l-kompiti proposti li għandhom jingħataw lill-EASA ma jinvolvux diskrezzjoni politika. Il-Kummissjoni indikat ukoll li, sabiex jiġi żgurat li l-miri u l-pjanijiet ta' prestazzjoni jkun effettivament vinkolanti, il-korp ta' rieżami tal-prestazzjoni kellu jkun jista' jimponi miżuri korrettivi meta l-pjanijiet ma jkunux ġew implimentati jew meta l-miri ma jkunux intlaħqu.

Dwar il-**Patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil**⁶⁹, l-*Országgyűlés*⁷⁰ qajjem dubju dwar il-bażi ġuridika ta' erbġħa mill-proposti⁷¹ u dwar il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem previst mill-ħames waħda⁷². Huwa wissa li l-proposti, jekk jiġu adottati, ikunu jimponu obbligi fuq l-Istati Membri mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi u s-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet. L-*Országgyűlés* qajjem dubju dwar il-ħtieġa ġenerali ta' dawn l-obbligi u beża' li d-dispożizzjonijiet proposti jrendu mhux prattiki l-proċeduri nazzjonali fuq il-fruntiera li jikkontribwixxu għall-immaniġġar tal-migrazzjoni, bħal żoni ta' tranżitu. Huwa qajjem dubju wkoll dwar il-proporzjonalità tal-pakkett, billi dan kieku jimponi obbligi sproporzjonati fuq l-Istati Membri u jibdel radikalment is-sistema ta' ażil tal-UE.

⁶⁷ COM (2020) 579 final.

⁶⁸ Hemm ajruport wieħed biss f'Malta.

⁶⁹ COM(2020) 610, 611, 612, 613 u 614 final.

⁷⁰ Il-Kummissjoni rċeviet ukoll żewġ opinjonijiet motivati dwar dawn il-proposti f'Jannar 2021, mis-*Senato della Repubblica* Taljan u min-*Národná rada* Slovakk.

⁷¹ COM(2020) 610, 611, 613 u 614 final.


⁷² COM(2020) 612 final.


Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni ġġustifikat il-bażi ġuridika għall-proposti tagħha. Hija spjegat li azzjoni tal-UE kienet meħtieġa biex jiġi evitat li piż sproporzjonat ta' pressjoni migratorja jaqa' fuq Stat Membru individwali u li l-proposta dwar l-immaniġġar tal-ażil u l-migrazzjoni kienet flessibbli ħafna, billi l-Istati Membri jistgħu jagħżlu kif se jikkontribwixxu. Hija enfasizzat li l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ propost ma kienx mekkaniżmu tal-ilmenti iżda mekkaniżmu ta' kontroll integrat imfassal biex jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jafdaw il-monitoraġġ lil korpi ta' monitoraġġ indipendenti li diġà jeżistu. Hija enfasizzat ukoll li l-qafas legali attwali jillimita l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera tal-UE għal għadd ta' każijiet iddefiniti sew. Għalhekk, din il-proċedura ma setgħetx titqies bħala l-proċedura ġenerali tal-ażil fi Stat Membru.

4. DJALOGU POLITIKU MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Osservazzjonijiet ġenerali

Fl-2020, il-Parlamenti nazzjonali bagħtu 255 opinjoni lill-Kummissjoni. Dan huwa aktar milli fl-2019 (159), iżda inqas milli fi snin preċedenti (576 fl-2017 u 569 fl-2018).





Minn dawn il-255 opinjoni, 99 (39 %), inklużi d-9 opinjonijiet motivati (3 %), kienu jikkonċernaw il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà⁷³. Il-156 opinjoni li jifdal (61 %) jew kienu jikkonċernaw inizjattivi mhux leġiżlattivi, bħal komunikazzjonijiet, jew inkella kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja mhux relatati direttament ma' inizjattiva tal-Kummissjoni. Dan huwa bejn il-proporzjon tal-2019, meta l-biċċa l-kbira mill-opinjonijiet ma kinux dwar proposti leġiżlattivi, u dak ta' snin preċedenti, meta l-maġġoranza tal-opinjonijiet kienu jikkonċernaw inizjattivi suġġetti għall-kontroll tas-sussidjarjetà⁷⁴.

Parteċipazzjoni u kamp ta' applikazzjoni


Bħal fi snin preċedenti, l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni varja b'mod sinifikanti bejn il-Parlamenti nazzjonali. L-10 kmamar l-aktar attivi ħarġu 217-il opinjoni. Dan huwa 85 % tat-total, l-oġġla konċentrazzjoni f'dawn l-aħħar snin (2019: 73 %; 2018: 83 %; 2017: 74 %; 2016: 73 %). Għall-kuntrarju ta' dan, 12-il kamra⁷⁵ (17 fl-2019, 10 fl-2018) ma ħarġux opinjonijiet.

⁷³ Għal preżentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u tad-djalogu politiku, ara https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/adopting-eu-law/relations-national-parliaments_mt

⁷⁴ 2018: 62 % mill-opinjonijiet kienu jikkonċernaw inizjattivi soġġetti għall-kontroll tas-sussidjarjetà, u 38 % inizjattivi oħra; 2017: 56 % kienu jikkonċernaw inizjattivi soġġetti għall-kontroll tas-sussidjarjetà, u 44 % inizjattivi oħra; 2016: 60 % kienu jikkonċernaw inizjattivi soġġetti għal kontroll tas-sussidjarjetà, u 40 % inizjattivi oħra. Ara wkoll iċ-Ċart "Tipi ta' opinjonijiet" fit-Taqsima 3.

⁷⁵ Ix-Chambre des représentants/Kamer van volksvertegenwoordigers Belġjani, in-Narodno Sabranie Bulgaru, il-Vouli ton Antiprosopon Ċiprijott, ir-Riigikogu Estonjan, l-Eduskunta Finlandiża, il-Houses of the Oireachtas (Dáil u Seanad Éireann) Irlandiżi, is-Saeima Latvjana, ix-Chambre des Députés Lussemburġiża, it-Tweede Kamer Olandiża, id-Državni svet u d-Državni zbor Sloveni.

L-10 Parlamenti nazzjonali jew kmamar li bagħtu l-ogħla għadd ta' opinjonijiet fl-2020 kienu l-*Assembleia da República* Portugiża (40 opinjoni), il-*Cortes Generales* Spanjola (28 opinjoni), is-*Senat* Rumien (28 opinjoni), is-*Senát* Ċek (22 opinjoni), il-*Camera Deputaţilor* Rumena (22 opinjoni), il-*Bundesrat* Ġermaniż (21 opinjoni), is-*Sénat* Franċiż (19-il opinjoni), il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka (17-il opinjoni), il-*Camera dei Deputati* Taljana (10 opinjonijiet), u r-*Riksdag* Żvediż (10 opinjonijiet), li kienu wkoll fost l-aktar kmamar attivi fi snin preċedenti. L-Anness 2 jagħti dettalji dwar l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta minn kull kamra.



Is-suġġetti ewlenin tal-opinjonijiet fid-djalogu politiku

Fl-2020, ir-rispons tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19 ġibed l-aktar attenzjoni mill-Parlamenti nazzjonali, u wassal għal 66 opinjoni, 26 % mill-opinjonijiet kollha riċevuti. Minn dawn, 44 kienu jikkonċernaw direttament il-pjan ta' rkupru "NextGenerationEU" jew parti mill-pjan, inkluż il-proposti riveduti għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji. Ħdax-il opinjoni oħra kienu jikkonċernaw inizjattivi meħuda matul il-fażi bikrija tal-kriżi, qabel l-adozzjoni ta' "NextGenerationEU", 7 kienu jikkonċernaw inizjattivi aktar tard u 4 kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja tal-Parlamenti nazzjonali dwar aspetti speċifiċi tal-kriżi.

Il-proposta unika tal-Kummissjoni li wasslet għall-akbar għadd ta' opinjonijiet kienet il-proposta għal Liġi Ewropea dwar il-Klima. Din wasslet għal 12-il opinjoni, inkluż tliet opinjonijiet motivati (dwar dan, ara t-Taqsima 3 hawn fuq).

Kwistjonijiet oħra li ġibdu l-aktar attenzjoni mill-Parlamenti nazzjonali kienu l-intelliġenza artifiċjali, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-Anness 3 jelenka l-inizjattivi individwali tal-Kummissjoni li taw bidu għal mill-inqas ħames opinjonijiet.

- *Rispons għall-kriżi tal-COVID-19*

Il-Kummissjoni rċeviet 11-il opinjoni minn 6 kmamar parlamentari⁷⁶ dwar inizjattivi li kienet ħadet matul il-fażi bikrija tal-pandemija, sa nofs Mejju 2020⁷⁷. Dawn l-opinjoni kienet ġeneralment ta' appoġġ. Xi kmamar għamlu suġġerimenti bħall-immodernizzar tal-infrastruttura tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri, is-self tal-flus fil-livell tal-UE aktar milli f'dak nazzjonali, jew it-tneġġija ta' programm ta' investiment qawwi fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent. Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni laqgħet dawn is-suġġerimenti u osservat li l-azzjoni ulterjuri tagħha inkorporat il-biċċa l-kbira minnhom.

Fit-27 ta' Mejju, il-Kummissjoni ressqet pjan ta' rkupru kbir biex issewwi d-dannu ekonomiku u soċjali kkawżat mill-pandemija u biex tqiegħed lill-UE fit-triq ta' rkupru sostenibbli u reżiljenti billi tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-baġit tagħha. Il-pjan huwa bbażat fuq strument ġdid, "NextGenerationEU", li tlesta b'reviżjoni mmirata tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u bl-emendar tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, li jippermetti li l-UE tiġbor EUR 750 biljun mis-swieq finanzjarji. Il-pakkett kollu kien jinkludi żewġ komunikazzjonijiet politiċi, "Il-mument tal-Ewropa: tiswija u tnejn għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" u "Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa"⁷⁸, ir-reviżjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni għall-2020⁷⁹, adottata fis-27 ta' Mejju, u 21 proposta legiżlattiva⁸⁰ adottati fil-jiem ta' wara.

Il-Kummissjoni rċeviet 44 opinjoni minn 13-il kamra⁸¹ dwar diversi partijiet tal-pakkett. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-opinjoni kienet ta' appoġġ għall-inizjattivi tal-Kummissjoni. Kien hemm żewġ eċċezzjonijiet, l-opinjoni motivata dwar il-proposta emendata għal Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u opinjoni dwar il-proposta għal mekkaniżmu ġdid tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili⁸². Xi Parlamenti nazzjonali ssuġġerew: (i) l-estensjoni tal-perjodu ta' impenn baġitarju tal-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu ta' seba' snin; (ii) ir-reviżjoni tal-allokazzjoni tal-fondi fost l-Istati Membri biex jiġi rifless l-impatt reali tal-pandemija fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom; (iii) il-ħolqien ta' riżorsi ġodda addizzjonali li jkopru bis-sħiħ il-ħlas lura ta' "NextGenerationEU";

⁷⁶ Ħamsa mis-*Senat Rumen*, tlieta mill-*Assembleia da República* Portugiża, waħda kull wieħed mill-*Cortes Generales* Spanjola, il-*Camera dei Deputati* Taljana u l-*Camera Deputaţilor* Rumena.

⁷⁷ Il-Komunikazzjonijiet "Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19" (COM(2020) 112) u "L-użu ta' kull euro disponibbli b'kull mod possibbli għall-ħarsien tal-ħajja u tal-ġħajxien ta' kuljum" (COM(2020) 143), il-komunikazzjoni konġunta dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19 (JOIN(2020) 11), il-komunikazzjoni interpretattiva dwar l-applikazzjoni tal-oqfsa tal-kontabbiltà u prudenzjali għall-iffaċilitar tas-self mill-banek tal-UE (COM(2020) 169) u ħames proposti leġiżlattivi (COM(2020) 139, 163, 175, 186 u 219).

⁷⁸ COM(2020) 456 final u 442 final rispettivament.

⁷⁹ COM(2020) 440 final, li jaġġusta l-programm inizjali COM(2020) 37 final.

⁸⁰ COM(2020) 220, 223, 403, 404, 405, 407, 408, 409, 441, 443, 444, 445, 446, 447, 450, 451, 452, 453, 459, 460 u 461 final.

⁸¹ 17 mill-*Assembleia da República* Portugiża, 11 mill-*Cortes Generales* Spanjola, 3 mis-*Senat Rumen*, 2 mill-*Bundesrat* Ġermaniż, mill-*Poslanecká sněmovna* Ċeka u mis-*Senát* Ċek u waħda kull wieħed mill-*Országgyűlés* Ungeriż, mill-*Assemblée nationale* Franċiża, mill-*Hrvatski Sabor* Kroat, mill-*Camera dei Deputati* Taljana, mis-*Seimas* Litwan, mill-*Kamra tad-Deputati* Maltija u mir-*Riksdag* Żvediż. Barra minn hekk, minbarra d-djalogu politiku is-*Sejm* u s-*Senat* Pollakki t-tnejn baġtu riżoluzzjoni waħda dwar in-negozjati tal-baġit tal-Kunsill.

⁸² Dwar l-opinjoni motivata mir-*Riksdag* Żvediż dwar ir-riżorsi proprji u t-tweġiba tal-Kummissjoni, ara t-Taqsima 3 hawn fuq. L-opinjoni tal-*Bundesrat* Ġermaniż dwar il-proposta għal mekkaniżmu ġdid tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili, għalkemm ma kinitx opinjoni motivata, qieset li l-proposta kienet tikser il-kompetenzi nazzjonali u regionali. Il-Kummissjoni wiegħbet li l-mekkaniżmu propost kien ibbażat fuq il-kompetenza ta' appoġġ tal-UE deskritta fl-Artikolu 196 TFUE u li dan l-ewwel se juża r-riżorsi nazzjonali, bl-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà primarja fit-territorju tagħhom għall-protezzjoni ta' persuni, tal-ambjent u tal-proprjetà kontra d-diżastri.

(iv) iż-żieda tal-fondi allokatu għall-koeżjoni, l-agrikoltura, il-migrazzjoni u l-immaniġġjar tal-fruntieri, jew is-sigurtà u d-difiża. Bosta Parlamenti nazzjonali esprimew ukoll appoġġ ċar biex l-aċċess għall-finanzjament isir kundizzjonali fuq l-aderenza mal-prinċipji tal-istat tad-dritt.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni rreferiet għall-ftehim li l-Kunsill Ewropew laħaq fit-21 ta' Lulju dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u għall-pakkett ta' rkupru. Hija enfasizzat l-importanza li l-appoġġ għall-irkupru jintuża malajr u spjegat li filwaqt li l-impenji għall-għotjiet u s-self jenħtieġ li jsiru sa tmiem l-2023, il-pagamenti jistgħu jkomplu sa tmiem l-2026, kważi d-durata sħiħa tal-qafas finanzjarju pluriennali. Hija saħqet li t-telf tal-PDG jintuża b'mod wiesa' fid-determinazzjoni tal-allokkazzjoni tal-fondi fost l-Istati Membri, u kkonfermat li fl-2021, hija se tipproponi basket ta' riżorsi proprji ġodda. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet ukoll li l-finanzjament jenħtieġ li jkun immirat tajjeb u għandu jkun ibbilanċjat bejn prijoritajiet differenti tal-UE biex jiġi żgurat irkupru bilanċjat fit-tul, u spjegat li "NextGenerationEU" kienet tinkludi strumenti biex jiżjed l-appoġġ ta' koeżjoni għall-Istati Membri, fondi addizzjonali għall-iżvilupp rurali, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex l-ekonomiji jsiru aktar reżiljenti u sostenibbli fil-fażi ta' tiswija tal-kriżijiet. Hija osservat li, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-21 ta' Lulju, il-finanzjament għal kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, l-immaniġġjar tal-fruntieri, is-sigurtà u d-difiża, għalkemm naqas meta mqabbel mal-proposti tiegħu tas-27 ta' Mejju, xorta waħda kien jirrappreżenta żieda meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Huwa laqa' l-appoġġ tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità fuq l-istat tad-dritt. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni enfasizzat ir-rwol dirett tal-biċċa l-kbira mill-Parlamenti nazzjonali fl-approvazzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill, minn kull Stat Membru f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tiegħu.

Il-Kummissjoni rċeviet seba' opinjonijiet minn żewġ Parlamenti nazzjonali⁸³ dwar proposti leġiżlattivi li ttieħdu aktar tard fis-sena bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19⁸⁴. Dawn l-opinjonijiet ġeneralment appoġġaw l-għanijiet tal-proposti. Madankollu, opinjoni dwar il-proposta biex jinħoloq "Prospett ta' Rkupru tal-UE" biex tiġi ffaċilitata r-rikapitalizzazzjoni tal-kumpaniji affettwati mill-kriżi⁸⁵ esprimiet il-biża' li l-obbligu li jitfassal prospett jista' jkun piż amministrattiv li jagħmel l-emissjonijiet iżgħar diffiċli. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-proposta tagħha introduċiet eżenzjonijiet għal offerti iżgħar ta' titoli kif ukoll prospett issimplifikat.

Il-Kummissjoni rċeviet ukoll erba' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja minn żewġ ikmamar⁸⁶ dwar aspetti speċifiċi tar-rispons għall-pandemija. Dawn l-opinjonijiet kellhom l-għan li: (i) jħeġġu r-rilokazzjoni tal-produzzjoni tal-mediċini lura lejn l-UE; (ii) isaħħu l-miżuri eċċezzjonali tal-politika agrikola komuni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-pandemija; (iii) jiżguraw li l-gvernijiet jirrispettaw l-istat tad-dritt meta jadottaw miżuri eċċezzjonali, bħall-użu ta' apps ta' traċċar; u (iv) jippermettu temporanjament li l-linji tal-ajru jikkumpensaw lill-passiġġieri bi kreditu/vawċers minflok rifużjoni immedjata għal titjriet ikkanċellati.

- *Intelliġenza artiċjali*

⁸³ Erbgħa mill-*Assembleia da República* Portugiża u tlieta mill-*Cortes Generales* Spanjola.

⁸⁴ COM(2020) 260, 261, 281, 282 u 283 final.

⁸⁵ COM(2020) 281 final. Opinjoni mill-*Assembleia da República* Portugiża

⁸⁶ Tlieta mis-*Sénat* Franċiż u waħda mill-*Assemblée nationale* Franċiża.

Fit-19 ta' Frar, il-Kummissjoni adottat White Paper dwar l-intelliġenza artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u l-fiduċja⁸⁷. Hija ppreżentat għażliet politiċi biex ikun jista' jsir żvilupp affidabbli u sigur tal-intelliġenza artifiċjali fl-Ewropa, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-valuri u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE. Din kienet tikkonsisti minn żewġ pilastri: qafas ta' politika biex jiġu mmobilizzati r-riżorsi tul il-katina tal-valur sħiħa sabiex jiġi aċċellerat l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali (“ekosistema ta' eċċellenza”) u tal-komponenti ewlenin ta' qafas regolatorju futur (“ekosistema ta' fiduċja”).

Il-Kummissjoni rċeviet sitt opinjonijiet minn sitt ikmamar⁸⁸ dwar din il-White Paper. Setgħu jiġu identifikati żewġ fergħat ta' opinjonijiet: grupp ta' kmamar iffoka fuq il-ħtieġa li jinħoloq qafas regolatorju li jstabbilixxi ċertezza legali għall-iżviluppaturi u għall-utenti u jippromwovi l-innovazzjoni fl-Ewropa, filwaqt li l-grupp l-ieħor wissa li kwalunkwe sforz regolatorju bikri jista' jxekkel l-innovazzjoni. Kamra minnhom issuġġeriet li jiżdied it-tielet pilastru fl-għamla ta' “ekosistema ta' aġilità” biex jiġi żgurati li jkun hemm il-libertà u l-ambitu meħtieġa għall-esperimentazzjoni. Xi kmamar talbu wkoll bilanċ ġeografiku xieraq fl-iżvilupp ta' ċentri ta' eċċellenza fl-UE, filwaqt li enfasizzaw l-isfidi tan-nuqqas ta' ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, jew enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati proċeduri ġodda għas-sigurtà tal-informazzjoni u li jiġu protetti d-drittijiet tal-individwi.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni kkonfermat l-oġettiv tagħha li tistabbilixxi qafas legali ddedikat għal applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali, bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Hija ċċarat li l-għan tagħha ma kienx li tirregola t-teknoloġija jew li tpoġġi suspetti fuqha, iżda li tirregola applikazzjonijiet jew użi speċifiċi li jistgħu jqiegħdu f'riskju kbir id-drittijiet fundamentali u s-sikurezza, u qabliet dwar il-ħtieġa li jiġu ddefiniti applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali ta' riskju għoli. Hija qabliet ukoll li r-regoli jenħtieġ li jippermettu adattamenti flessibbli fid-dawl tal-iżviluppi u t-teknoloġiji futuri. Dan ikkonferma l-ħolqien ta' madwar 200 Ċentru ta' Innovazzjoni Diġitali madwar l-Ewropa sabiex tiġi stimolata l-adozzjoni wiesgħa tat-teknoloġiji diġitali, inkluż minn mikrointrapriżi u negozji ġodda, li jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-konverġenza fost ir-reġjuni billi jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki u għarfien komuni għaċ-ċentri kollha. Il-Kummissjoni qabliet ukoll dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata edukazzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali fil-livelli kollha, kif ukoll tagħlim tul il-ħajja dwar l-intelliġenza artifiċjali.

- *Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa*

Fit-22 ta' Jannar, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar “It-Tfassil tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa”⁸⁹, li tippreżenta l-fehmiet tagħha dwar il-konferenza. Hija qieset li l-konferenza jenħtieġ li tkun diskussjoni miftuħa li tiffoka fuq dak li huwa importanti għaċ-ċittadini, u li tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini minn kull qasam tal-ħajja u mill-irkejjen kollha tal-Unjoni. Hija ssuġġeriet żewġ fergħat paralleli ta' diskussjoni, waħda li tiffoka fuq il-politika ċċentrata fuq l-ambizzjonijiet ewlenin tal-UE, u l-oħra dwar il-proċessi demokratiċi, li fiha r-rwol tal-Kummissjoni jenħtieġ li jkun dak ta' faċilitatur u ta' sensar onest. Hija qieset ukoll li l-kunċett, l-istruttura, il-kamp ta' applikazzjoni u t-twaqqit tal-konferenza jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u

⁸⁷ COM(2020) 65 final.

⁸⁸ Mill-Poslanecká sněmovna u s-Senát Ċeki, mill-Bundestag u l-Bundesrat Ġermaniżi, mill-Camera Deputaţilor Rumena u mir-Riksdag Żvediż.

⁸⁹ COM(2020) 27 final.

li l-Parlamenti nazzjonali u reġjonali u atturi oħra jenħtieġ li jkollhom rwol importanti fil-konferenza u jitħeġġu jorganizzaw avvenimenti relatati mal-konferenza.

Il-Kummissjoni rċeviet ħames opinjonijiet minn ħames kmamar⁹⁰ dwar din il-komunikazzjoni. Kamra oħra⁹¹ baġtet opinjonijiet fuq inizjattiva proprja (mingħajr referenza għall-komunikazzjoni) u oħra⁹² ittra dwar l-istess suġġett. Il-kmamar kollha talbu l-istess livell ta' rappreżentanza u l-istess drittijiet għall-Parlamenti nazzjonali bħal dawk għall-Parlament Ewropew fil-plenarja tal-konferenza, u talbu l-parteċipazzjoni tal-Parlamenti nazzjonali fl-istrutturi ta' tmexxija tal-konferenza, billi kienu tal-fehma li l-involviment dirett tagħhom kien essenzjali għall-ħolqien ta' sjieda tal-organizzazzjoni u l-eżitu tal-konferenza. Din il-fehma ġiet imtennija fil-laqgħat tal-COSAC, fi tliet ittri mill-COSAC lill-istituzzjonijiet tal-UE u fl-34 rapport biannwali tal-COSAC⁹³.

Dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-eżitu possibbli tal-Konferenza, xi kmamar kienu kontra kwalunkwe diskussjoni dwar bidliet fit-Trattat, filwaqt li oħrajn kienu miftuħa għal diskussjonijiet bħal dawn. Kamra waħda talbet kjarifika tan-natura legali tal-Konferenza u tal-kapaċità tagħha li tipproponi dawn il-bidliet. Is-suġġetti ssuġġeriti għad-diskussjoni kienu l-istat tad-dritt u l-prinċipji fundamentali, id-drittijiet u l-valuri, it-trasparenza tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali f'dan il-proċess, u s-suġġetti ewlenin tal-aġenda strateġika tal-Kunsill Ewropew. Il-Parlamenti nazzjonali enfasizzaw ukoll l-importanza ta' feedback mill-Konferenza u ta' segwitu għall-eżitu. Huma għamli diversi suġġerimenti dwar kif għandhom jiġu involuti ċ-ċittadini, bħall-ospitar ta' avvenimenti barra mill-bliet kapitali, ittfassil apposta tal-interfaċċa pubblika għall-ħiliet u l-aspettattivi taż-żgħażaġh, u l-għoti ta' biżżejjed attenzjoni lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni laqgħet l-involviment qawwi tal-Parlamenti nazzjonali fit-tnejn tal-Konferenza u enfasizzat li jistgħu jagħmlu kontribut ewlieni għas-suċċess tal-Konferenza billi jikkondividu l-esperjenza tagħhom, jorganizzaw avvenimenti u jiżguraw li din tilħaq kemm jista' jkun ċittadini. Hija qablet li l-ambizzjonijiet ewlenin tal-UE, kif stabbiliti fil-prijoritajiet politiċi tagħha u fl-aġenda strateġika tal-Kunsill Ewropew, kienu jipprovdut qafas wiesa'. Barra minn hekk, iċ-ċittadini jistgħu jressqu kwalunkwe ħaġa li jkunu importanti. Hija kkonfermat li kienet lesta wkoll li taqdi r-rwol tagħha fl-esplorazzjoni ta' kif l-UE tista' ttejjeb il-proċessi demokratiċi tagħha u żżid il-leġittimità tagħha.

- *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew*

Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar "il-Patt Ekoloġiku Ewropew"⁹⁴, li fiha stipulat strateġija ġdida ta' tkabbir biex l-UE tiġi trasformata f'soċjetà ġusta u ta' suċċess b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva li fiha ma jkunx hemm emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkopjat mill-użu tar-riżorsi. Din il-komunikazzjoni kienet tinkludi pjan direzzjonali inizjali tal-politiki u l-miżuri ewlenin meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-oġettivi.

⁹⁰ Mill-Bundesrat Ġermaniż, mis-Seimas Litwan, mill-Camera Deputaţilor u mis-Senat Rumani u mir-Riksdag Żvediż.

⁹¹ Is-Sejm Pollakk.

⁹² Il-Folketing Daniż.

⁹³ Għall-attivitajiet tal-COSAC, ara t-Taqsima 5 hawn taħt.

⁹⁴ COM(2019) 640 final

Il-Kummissjoni rċeviet ħames opinjonijiet minn ħames kmamar⁹⁵ dwar din il-komunikazzjoni. Xi wħud minnhom esprimew tħassib dwar l-impatt tat-tranżizzjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri, u talbu li t-tranżizzjoni tkun ġusta, li tippreserva n-newtralità teknoloġika u li tippermetti li kull Stat Membru jagħżel triqtu, jew li l-Kummissjoni tirrevedi kemm il-mira tal-UE li sal-2050 tinkiseb in-newtralità fil-karbonju kif ukoll il-mod kif din tista' tintlaħaq. Oħrajn laqgħu l-prijorità li l-Kummissjoni tat lill-kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi, u ppromwovew l-istabbiliment ta' għanijiet ambizzjużi. Il-Parlamenti nazzjonali enfasizzaw ukoll li t-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli tista' tinkiseb biss b'appoġġ pubbliku, li jfisser li d-diffikultajiet soċjali fit-tranżizzjoni kellhom jiġu mmitigati kif xieraq, u li jenħtieġ li jiġu stabbiliti inċentivi sabiex l-atturi privati jitħeġġu jipparteċipaw finanzjarjament fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat l-impenn tagħha li timplimenta l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, parti integrali mill-aġenda tagħha. Hija spjegat li, minħabba l-investimenti temporanji bla preċedent meħtieġa biex jingħeleb l-impatt negattiv tal-kriżi tal-COVID-19, l-għażliet politiċi tal-lum jiddeterminaw il-futur tal-ġenerazzjonijiet li jmiss. Din hija r-raġuni għaliex ma tridx tinvesti f'ekonomija skaduta u bbażata fuq il-fjuwils fossili, iżda minflok tibni ekonomija ekoloġika, diġitali, inklużiva u reżiljenti li tkun adattata għas-seklu 21. Hija qablet li biex tirnexxi f'dan, it-tranżizzjoni lejn futur newtrali għall-klima kellha tkun ġusta, fejn ma tħalli lil ħadd lura, u rreferiet għall-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta li kienet ipproponiet biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri kollha, b'fokus fuq l-aktar reġjuni intensivi fil-karbonju. Hija enfasizzat ukoll li kienet qed tirrispetta bis-sħiħ id-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita enerġetika tagħhom, u li l-proposti li kienet ippreżentat jew li kienet se tippreżenta biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kienu bbażati fuq evidenza u valutazzjonijiet bir-reqqa tal-impatt.


5. KUNTATTI, ŻJARAT, LAQGĦAT, KONFERENZI U ATTIVITAJIET OĦRA


Żjarat tal-Kummissjoni fil-Parlamenti nazzjonali u laqgħat magħhom

Fl-2020, il-Membri tal-Kummissjoni kellhom 101 żjara fil-Parlamenti nazzjonali jew laqgħat (virtwali) mad-delegazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali. Dan kien aktar milli fl-2019 (55), minkejja t-tfixkil ikkawżat mill-COVID-19. Wara t-talba tal-President von der Leyen lil kull Membru tal-Kummissjoni biex iżuru l-Istati Membri kollha fl-ewwel sentejn tal-mandat tagħhom u biex jiltaqgħu regolarment mal-Parlamenti nazzjonali, għadd kbir ta' żjarat lill-Parlamenti nazzjonali seħħew f'Jannar (17) u fi Frar (15), iżda din ix-xejra ġiet interrotta minħabba t-tifqigħa tal-pandemija. Minn April sa tmiem is-sena, il-biċċa l-kbira tal-laqgħat bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Membri tal-Kummissjoni saru permezz ta' vidjokonferenza.

⁹⁵ Mill-Poslanecká sněmovna u s-Senát Ċeki, mill-Bundesrat Ġermaniż, mill-Eerste Kamer Olandiż u mir-Riksdag Żvediż

Number of visits to and meetings with national Parliaments from Members of the Commission in 2020 (total for all Member States: 101)





Fl-2020, il-Kap Negozjatur tal-UE dwar Brexit, Michel Barnier, iltqa' wkoll ma' 12-il Parlament nazzjonali. Uffiċjali tal-Kummissjoni, l-aktar f'livell għoli, attendew aktar minn 20 laqgħa tal-kumitati tal-Parlamenti nazzjonali biex jiddiskutu proposti leġislattivi fuq livell aktar tekniku. L-uffiċjali tal-Kummissjoni taw ukoll 23 preżentazzjoni (17 minnhom permezz ta' vidjokonferenza) lir-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali fi Brussell dwar diversi suġġetti, bħal "NextGenerationEU", il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-patt ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil jew ir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt. Il-preżentazzjonijiet permezz ta' vidjokonferenza għamluha possibbli li l-udjenza titwessa' biex tinkludi lill-uffiċjali tal-Parlament nazzjonali fil-bliet kapitali, u b'hekk jżied l-għadd ta' parteċipanti u titjeb il-ħidma tal-Kummissjoni biex jintlaħqu l-Parlamenti nazzjonali.

Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri baqgħu f'kuntatt frekwenti mal-Parlamenti nazzjonali, b'mod partikolari dwar il-proċess tas-Semestru Ewropew u dwar kwistjonijiet ekonomiċi oħra. Fl-2020, huma organizzaw 254 żjara jew avveniment li kienu jinvolvu lill-Parlamenti nazzjonali.

Laqgħat u konferenzi interparlamentari

Minkejja l-pandemija, il-kooperazzjoni interparlamentari komplet tiżviluppa fl-2020. Saru ħafna laqgħat u konferenzi interparlamentari⁹⁶, il-biċċa l-kbira minnhom permezz ta' vidjokonferenza u ġeneralment bil-parteeċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni, inkluż:

- il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC⁹⁷);

⁹⁶ Għal aktar dettalji dwar dawn il-laqgħat, ara r-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali:

<http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports.html>

⁹⁷ COSAC hija l-uniku forum interparlamentari minqax fit-Trattati, fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Din ġeneralment tilitaqa' darbtejn (laqgħa waħda tal-Presidenti u oħra plenarja) fl-Istat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fil-COSAC. Għal aktar informazzjoni dwar il-laqgħat tal-COSAC fl-2020, ara:

- il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea⁹⁸;
- il-Konferenza interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza⁹⁹;
- il-konferenzi interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u għall-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni¹⁰⁰;
- il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt tal-Europol¹⁰¹;
- l-ewwel laqgħa tal-kumitat interparlamentari dwar l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust¹⁰²;
- il-Konferenza interparlamentari ta' livell għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Azil¹⁰³;
- il-konferenzi interparlamentari dwar il-“Patt Ekoloġiku Ewropew u l-PAK” u “għal Ewropa soċjali u ġusta”¹⁰⁴.

Il-laqgħa plenarja LXIV tal-COSAC, li saret b'vidjokonferenza fit-30 ta' Novembru u fl-1 ta' Diċembru 2020, attendiet għaliha l-President tal-Kummissjoni von der Leyen. Kienet l-ewwel darba mill-2013 li President tal-Kummissjoni pparteċipa fil-COSAC. Is-suġġetti ta' diskussjoni tal-plenarja tal-COSAC kienu r-rieżami tal-Presidenza Ġermaniża, it-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19 dwar il-kooperazzjoni f'pandemiji u fil-kura tas-saħħa, il-futur tal-Ewropa, ir-relazzjonijiet transatlantiċi u s-sħubija mal-Afrika. Il-President von der Leyen tat diskors ewlieni dwar ir-rispons Ewropew komuni għall-pandemija, il-qafas finanzjarju pluriennali, “NextGenerationEU” u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Hija ħeġġet biex il-kriżi tittieħed bħala opportunità mhux biss biex jissewew id-danni, iżda wkoll biex isir pass 'il quddiem sabiex tinbena Ewropa aktar sostenibbli, aktar reżiljenti u diġitali. Hija enfasizzat il-ħtieġa għal thejjiha aħjar u għal kooperazzjoni Ewropea aħkbar f'sitwazzjonijiet simili fil-futur, u enfasizzat ir-rwol importanti tal-Parlamenti nazzjonali fit-trasformazzjoni tal-fondi tal-UE fi proġetti li se joħlqu l-impjiegi u t-tkabbir.

<http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?type=082dbcc564afa0210164b2da9f5102f8>

⁹⁸ Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea ġiet ospitata fil-Parlament Ewropew fit-18 u d-19 ta' Frar 2020. Ipparteċipaw il-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis, il-Viċi President Šuica u l-Kummissarji Gentiloni u Schmit. Aktar informazzjoni:

<http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/high-level-conferences/european-parliamentary-week.html>

⁹⁹ Din il-konferenza, li saret b'vidjokonferenza fit-12 ta' Ottubru, attendew għaliha l-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis u l-Kummissarju Gentiloni. Fl-ewwel nofs tas-sena, il-konferenza kienet, bħal fi snin preċedenti, parti mill-Ġimgħa Parlamentari Ewropea. Aktar informazzjoni:

<https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=8a8629a871fd920b017293cdfa846bc7>

¹⁰⁰ Saru żewġ konferenzi, waħda f'Zagreb fit-3-4 ta' Marzu u waħda permezz ta' konferenza fl-4 ta' Settembru. Ir-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President Borrell Fontelles attenda t-tieni waħda. Aktar informazzjoni:

<https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?type=082dbcc5420d8f48014247cca6f04248>

¹⁰¹ Din il-konferenza, li saret b'vidjokonferenza fit-28-29 ta' Settembru, attenda għaliha l-Kummissarju Johansson. Konferenza oħra kienet ġiet skedata għall-ewwel semestru tal-2020 iżda ġiet ikkanċellata. Aktar informazzjoni:

<https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=8a8629a872e48b7c0173477b67754478>

¹⁰² Din il-laqgħa saret permezz ta' vidjokonferenza fl-1 ta' Diċembru u attenda għaliha l-Kummissarju Reynders. Aktar informazzjoni:

<https://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/high-level-conferences/jpsg-on-europol-and-eurojust-icm.html>

¹⁰³ Din il-konferenza, li saret permezz ta' vidjokonferenza fit-19 ta' Novembru, attendew għaliha l-President tal-Kummissjoni von der Leyen, il-Viċi President Schinas u l-Kummissarji Johansson u Urpilainen. Aktar informazzjoni:

<https://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/interparliamentary-meetings/other-meetings.html>

¹⁰⁴ Dawn il-konferenzi saru permezz ta' vidjokonferenza, rispettivament fil-5 ta' Ottubru (mal-Viċi President Eżekuttiv Timmermans u mal-Kummissarju Wojciechowski) u fid-9 ta' Novembru (mal-Kummissarji Reynders u Schmit). Aktar informazzjoni:

https://www.parleu2020.de/en/Events#tiles_events_container_691278

Iż-żewġ laqgħat regolari tal-Presidenti tal-COSAC saru, rispettivament, f'Zagreb fl-20-21 ta' Jannar 2020, u permezz ta' vidjokonferenza fl-14 ta' Settembru 2020. Il-laqgħa ta' Jannar, li għaliha attendiet il-Viċi President Suica, iffukat fuq il-prijoritajiet tal-Presidenza Kroata u fuq il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-laqgħa ta' Settembru, li għaliha attenda l-Viċi President Eżekuttiv Timmermans, iffukat fuq il-prijoritajiet tal-Presidenza Ġermaniża, il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tagħlimiet meħuda sa issa.

Il-pandemija kkawżat il-kanċellazzjoni ta' laqgħat fiżiċi skedati, bħall-plenarja LXIII tal-COSAC u l-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea¹⁰⁵. Madankollu, il-vidjokonferenzi ppermettew l-organizzazzjoni ta' bosta laqgħat straordinarji tal-Presidenti. L-ewwel laqgħa saret fis-16 ta' Ġunju 2020 biex tissostitwixxi l-laqgħa plenarja kkanċellata. Għaliha attenda l-Viċi President Šešćović u ffukat fuq ir-rispons Ewropew komuni għall-pandemija u r-riperkussjonijiet tagħha fuq il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, kif ukoll fuq il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Żewġ laqgħat straordinarji oħra tal-Presidenti ffukaw fuq kwistjonijiet topiċi: fid-29 ta' Ottubru 2020 bil-parteċipazzjoni tal-Viċi President Jourova u tal-Kummissarju Reynders, dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, u fit-23 ta' Novembru 2020 bil-parteċipazzjoni tal-Viċi President Eżekuttiv Vestager, dwar it-trattament tal-konsegwenzi tal-pandemija u t-tagħlimiet meħuda mill-perspettiva ta' kompetizzjoni. Ġew organizzati wkoll żewġ laqgħat bejn il-Presidenti u s-Sur Barnier fis-26 ta' Ġunju 2020 u fis-17 ta' Settembru 2020 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit.

Wara l-laqgħa straordinarja tal-Presidenti tas-16 ta' Ġunju 2020 u l-laqgħa plenarja tat-30 ta' Novembru u tal-1 ta' Diċembru 2020, 32 delegat mill-Parlamenti nazzjonali kkoffirmaw ittri lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. L-ittra ta' Ġunju laqgħet rispons Ewropew komuni għall-kriżi tal-COVID-19, enfasizzat l-importanza ta' adozzjoni f'waqtha tal-qafas finanzjarju pluriennali u talbet rappreżentanza adegwata tal-Parlamenti nazzjonali fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. L-ittra ta' Diċembru tenniet it-talba tal-aħħar, billi ċċarat li idealment il-Parlamenti nazzjonali jenħtieġ li jkunu involuti fuq l-istess livell tal-Parlament Ewropew fl-organizzazzjoni tal-konferenza, fil-kumitat ta' tmexxija tiegħu u fit-tfassil tal-konklużjonijiet. L-ittra għamlet ukoll il-każ għal approċċ deċentralizzat bl-organizzazzjoni ta' diversi avvenimenti fl-Istati Membri u fir-reġjuni tagħhom.

Ratifika tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji

Id-Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni ġiet adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Diċembru¹⁰⁶. Qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, din għandha tiġi approvata mill-Istati Membri kollha f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, dan jinvolvi ratifika parlamentari. Parlament nazzjonali wieħed, il-*Hrvatski Sabor* Kroat, kien diġà lesta din ir-ratifika fit-18 ta' Diċembru 2020¹⁰⁷.

¹⁰⁵ Il-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea tiġi organizzata kull sena fl-Istat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea matul it-tieni nofs tas-sena preċedenti.

¹⁰⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 – ĠU L 424, 15.12.2020.

¹⁰⁷ Ċipru kien it-tieni Stat Membru li rratifika d-deċiżjoni fit-22 ta' Diċembru 2020, mingħajr involviment parlamentari. L-Istati Membri l-oħrajn li jifdal irratifikaw id-deċiżjoni fl-2021. Din daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021.

6. IR-RWOL TAL-PARLAMENTI REĠJONALI

Il-Parlamenti reġjonali jikkontribwixxu indirettament għar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali. Skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati, meta ssir l-analiżi tas-sussidjarjetà ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi tal-UE bil-ħsieb li jinħarġu opinjonijiet motivati, se tkun ir-responsabbiltà ta' kull Parlament nazzjonali li jikkonsulta, fejn xieraq, il-Parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat legiżlattivi¹⁰⁸.

Il-membri tal-Parlamenti reġjonali huma rrappreżentati wkoll fil-Kumitat tar-Regġuni, li jwettaq xogħol ta' monitoraġġ permezz tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-pjattaforma online tiegħu mfassla biex tappoġġa l-parteċipazzjoni ta' Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fis-sistema ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà (REGPEX)¹⁰⁹. Permezz tan-network RegHub huma jipparteċipaw ukoll fil-pjattaforma tal-Kummissjoni "Fit for Future", li tagħmel parti mill-isforzi tagħha għal regolamentazzjoni aħjar¹¹⁰.

Filwaqt li ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita fit-Trattati għal interazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti reġjonali, il-Kummissjoni tiegħu inkunsiderazzjoni l-kontribut tagħhom. Bosta Parlamenti reġjonali¹¹¹ ssottomettew riżoluzzjonijiet direttament lill-Kummissjoni dwar diversi kwistjonijiet, bħall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, l-adozzjoni tal-baġit tal-UE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji tal-UE, il-Presidenza Ġermaniża, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-protezzjoni tal-klima, l-ekonomija ekoloġika u soċjali, il-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari, l-istrateġija "Mill-għalqa sal-Platt", il-proposta dwar pagi minimi adegwati, il-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili, il-politika reġjonali fl-Azores u fil-Polonja, l-imblukkar ġeografiku, il-protezzjoni tar-refuġjati u l-migranti, il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, is-sitwazzjoni f'Nagorno-Karabakh, u sejħa għal-ħelsien immedjat ta' student ta' Erasmus Mundus arrestat fl-Eġittu. Parlament reġjonali partikolari ssottometta wkoll tweġibiet għal bosta konsultazzjonijiet pubbliċi mnedija mill-Kummissjoni¹¹², filwaqt li ieħor issottometta opinjoni permezz ta' Parlament nazzjonali¹¹³. Il-membri tal-Kummissjoni kellhom ukoll laqgħat ma' xi Parlamenti reġjonali¹¹⁴.

7. KONKLUŻJONI

Ix-xejra li dehret fl-2019 li l-maġġoranza tal-opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali kienu jikkonċernaw inizzjattivi mhux leġiżlattivi tal-Kummissjoni jew kienu opinjonijiet fuq inizzjattiva proprja kienet sostnuta fl-2020. Dan juri l-interess ta' xi Parlamenti nazzjonali li jkunu atturi fit-

¹⁰⁸ L-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

¹⁰⁹ <http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx>. Għal aktar dettalji dwar l-attività relatata mal-kontroll tas-sussidjarjetà tal-Kumitat tar-Regġuni, ara t-Taqsima 2.4.

¹¹⁰ Għal aktar dettalji dwar "Fit for Future" u "Reg Hub", ara t-Taqsimiet 2.1 u 2.4

¹¹¹ Il-Parlamenti reġjonali ta' Flanders, ta' Wallonia u tal-Komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż (il-Belġju), tal-Bavarja, ta' Brandenburg u Thüringen (il-Ġermanja), tal-Gżejjer Baleariċi u tal-Pajjiż Bask (Spanja), tal-Azores (il-Portugall), tal-Awstrija ta' Fuq (l-Awstrija) u ta' Mazovia u Subcarpathia (il-Polonja).

¹¹² Il-Parlament reġjonali tal-Bavarja, dwar il-"mewġa ta' rinnovazzjoni", l-adattament għat-tibdil fil-klima, is-suq uniku diġitali u l-att dwar is-servizzi diġitali, l-iżvilupp rurali, l-evalwazzjoni tal-politika tal-promozzjoni agrikola, l-istatistika Ewropea dwar is-sajd, il-White Paper "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport" u l-migrazzjoni legali.

¹¹³ Il-Parlament ta' Flanders dwar ir-relazzjonijiet mat-Turkija. Il-Kummissjoni rreġistratha bħala opinjoni tas-*Sénat/Senaat* Belġjan u wiegħbet għal dan tal-aħħar.

¹¹⁴ Il-Viċi President Šuica ltaqgħet mal-Parlament tal-komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż u l-Kummissarju Hogan iltaqa' mal-Parlament ta' Wallonia.

tfassil ta' politika tal-UE mhux biss fl-eżerċizzju ta' kontroll tas-sussidjarjetà, iżda wkoll aktar kmieni fi stadji oħrajn tal-proċess billi jipprovdu input politiku li jhars 'il quddiem.

Aktar minn kwart mill-opinjoni tal-Parlamenti nazzjonali mibgħuta lill-Kummissjoni fl-2020 kienu jikkonċernaw ir-rispons għall-kriżi tal-COVID-19, li juri l-involvement qawwi tal-Parlamenti nazzjonali fi żminijiet ta' kriżi.

Minkejja t-tfixkil ikkawżat mill-COVID-19, il-Membri tal-Kummissjoni kellhom aktar laqgħat mal-Parlamenti nazzjonali milli fl-2019. Il-President von der Leyen u l-Membri tal-Kummissjoni attendew b'mod attiv ħafna għal laqgħat interparlamentari, inkluża l-plenarja LXIV tal-COSAC. Il-Parlamenti nazzjonali użaw il-vidjokonferenzi b'mod estensiv, li offrew mod usa' biex il-Kummissjoni tippreżenta l-inizjattivi tagħha. L-użu ta' għodod diġitali kien effiċjenti fit-tisħiħ u fl-intensifikazzjoni tal-iskambji bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali. Dan l-iskambju politiku jista' jkompli jibbenefika minn dawn l-għodod anke wara l-pandemija.

Fl-2020, il-Kummissjoni għenet lill-Parlamenti nazzjonali biex jeżerċitaw il-kontroll tas-sussidjarjetà b'żewġ modi. L-ewwel nett, hija eskludiet il-perjodu tal-Milied/tas-Sena l-Ġdida meta kkalkulat il-perjodu ta' tmien ġimgħat għas-sottomissjoni ta' opinjonijiet motivati. It-tieni nett, hija wriet flessibilità meta ġew riċevuti opinjonijiet motivati wara l-iskadenza tal-perjodu ta' skrutinju, biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet prattiċi possibbli li setgħu ltaqgħu magħhom il-Parlamenti nazzjonali minħabba l-kriżi tal-COVID-19.

Il-Kummissjoni ssikkat ukoll ir-rabtiet ta' politika tagħha mal-awtoritajiet lokali u reġjonali permezz ta' pjattaforma ġdida "Fit for Future" li qed taħdem fuq leġislazzjoni li tibqa' valida fil-futur.